**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum il-Hamis, 18 ta' Frar 2021**

Numru 4

**Rikors Nru. 58/2016**

**B.D. Limited, Zoqdi Developers Limited u Joseph Mangion**
**vs**
**Avukat tal-Istat, Awtorita ghat-Trasport f'Malta u**
**Awtorita tal-Artijiet u**
**b'digriet tal-25 ta' Settembru 2019**
**gie kjamat fil-kawza d-Dipartiment ghax-Xoghlijiet u l-Infrastruttura,**
**fi hdan il-Ministeru tat-Trasport, Infrastruttura u Progetti Kapitali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tal-15 ta' Gunju 2016 li jghid hekk:

1. Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar tat-18 ta' Gunju 1992 (Dok. A) l-esponenti akkwistaw f'sehem ta' 1/6 indiviz kull wiehed l-utile dominju perpetwu ta' porzjoni art imsejha ta' Wied Blandun, Paola ta' kejl superficjali ta' 4123$m^2$ (Dok. B - pjanta).

2. Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar tal-1 ta' Lulju 1992, (Dok. C) ir-rikorrenti B.D. Limited u Zoqdi Developers Limited akkwistaw f'sehem ta' 1/4 indiviz parti mill-istess porzjoni art fuq imsemmija ta' kejl superficjali ta' 3478$m^2$ (Dok. D - pjanta).

3. Illi b'rizultat tal-imsemmija kuntratti, l-esponenti ghalhekk ghandhom l-utile dominju perpetwu ta' art ta' kejl superficjali ta' 3478$m^2$ u fir-rigward tar-rikorrenti Zoqdi Developers Limited, B.D. Limited u Joseph Mangion ghandhom sehem ta' nofs

indiviz ta' porzjoni art ta' kejl superficjali ta' 645m$^2$ liema porzjoni art ta' 645m$^2$ illum tifforma parti minn Bluebell Street.

4. Illi peress li din l-art giet okkupata mill-Gvern ta' Malta snin ilu, in parti biex titwessgha Bluebell Street u in parti biex isir gnien, f'liema gnien gew imhawwla diversi sigar fosthom anke sigar tal-harrub u tal-ewkaliptus.

5. Illi sallum il-gumata l-esponenti qatt ma rcevew l-ebda forma ta' kumpens ghal din l-okkupazzjoni u tehid u lanqas ma saru proceduri ta' esproprju.

6. Illi l-esponenti interpellaw lill-intimati diversi drabi anke permess ta' korrispondenza u kif ukoll permezz ta' ittri ufficjali izda huma baqghu inadempjenti.

7. Illi bejn meta Gvern okkupa l-proprjeta sallum saru diversi emendi fil-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola l-process ta' esproprju u whud minn dawn l-emendi, jekk jigu applikati issa jkun ta' pregudizzju serju ghall-esponenti u dan senjatament fejn jirrigwarda d-definizzjoni ta' art fabrikabbli, il-kriterji dwar kif jigi kalkulat il-kumpens, capping skond il-valuri fl-1 ta' Jannar 2005, l-ispejjez tal-proceduri f'kaz li l-eventwali offerta tal-Gvern ma tigix accettata, ir-rata ta' interessi u kumpens ghall-okkupazzjoni.

8. Illi apparti dan, fiz-zmien meta l-art giet okkupata kien hemm bini fil-madwar u skond il-kriterji tal-Kap. 88 ta' dak iz-zmien, tali art kellha titqies bhala art fabrikabbli sal-fond ta' hamsa u ghoxrin metru mill-faccata tat-triq apparti dan illi anke l-parti li giet utilizzata bhala triq fiha nnifisha titqies bhala art fabrikabbli.

9. Illi ghalhekk gew u ghadhom qed jigu mittiefsa d-drittijiet taghhom kif sanciti fl-Artikolu 1 Protokol 1 tal-Kap. 319, fl-Artikolu 6 u Artikolu 13 tal-Kap. 319, fl-Artikolu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

10. Ghaldaqstant jghidu l-intimati ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

i. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-intimati kissru d-drittijiet fondamentali tal-esponenti kemm kif protetti fl-Artikolu 1 Protokol 1 tal-Kap. 319, fl-Artikolu 6 u Artikolu 13 tal-Kap. 319, fl-Artikolu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

ii. Taghti rimedju xieraq u opportun liema rimedju sabiex jigi accertat li din il-lezjoni ma tibqax issehh kornpriz ordni sabiex il-process ta' esproprju jsir billi fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss, li jsir dak li hemm bzonn isir halli tohrog id-Dikjarazzjoni Presidenzjali u ssir l-intimazzjoni gudizzjarja (ga maghrufa bhala Notice to Threat ghal dan l-iskop u dan taht il-komminazzjoni ta' penali gornaliera ghas-semplici dewmien;

iii. Tipprovdi li l-emendi li saru fil-Kapitolu 88 relattivi minn meta ttiehed il-pussess tal-art de quo relattivi ghad-determinazzjoni dwar l-istima tal-art, x'inhi art fabrikabbli, ghall-kalkolu ta' kumpens, capping skond il-valuri fl-1 ta' Jannar 2005, interessi u spejjez tal-kawza f'kaz li l-prezz offert jigi kontestat, ma jigux applikati fil-konfront tal-esponenti;

iv. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti kumpens xieraq ghall-Iezjoni, kemm ghall-hsara pekunjarja kif ukoll hsara non-penkunjara kif sancit fil-Kostituzzjoni u anke fil-Kapitolu 319 tal-Ligi ta' Malta.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta li tghid hekk:

Illi f'dawn il-proceduri I-kumpanija rikorrenti qieghda tallega Ii gew miksura l-Artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, I-Artikolu 6 u I-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi r-rikorrenti qed jippremettu illi f'xi zmien il-porzjon ta' art minnhom identifikati giet okkupata mill-Gvern ta' Malta, in parti biex allegatament titwessgha Bluebell Street, Paola u in parti biex isir gnien, fejn f'tali gnien allegatament thawwlu diversi sigar;

Ir-rikorrenti jsostnu wkoll illi huma ma gewx ikkumpensati ghall-istess u jilmentaw dwar diversi emendi Ii saru fil-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta Ii jirregolaw il-process ta' esproprju u dan inkluz dak Ii jirrigwarda d-definizzjoni ta' art fabrikabbli, kriterji dwar kif jigi kkalkulat il-kumpens, capping skont il-valuri fl-1 ta' Jannar 2005, I-ispejjez tal-proceduri f'kaz Ii I-eventwali offerta tal-Gvern ma tigix accettata, ir-rata ta' interessi u I-kumpens ghall-okkupazzjoni.

Ghaldaqstant huma qed jitolbu lil din I-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:
10.i. Tiddeciedi u tiddikjara illi I-intimati kissru d-drittijiet fondamentali tal-esponenti kemm kif protetti fl-Artikolu 1 Protokol 1 tal-Kap. 319, fl-Artikolu 6 tal-Kap. 319, fl-Artikolu 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;
ii. Taghti rimedju xieraq u opportun liema rimedju sabiex jigi accertat Ii din il-lezjoni ma tibqax issehh komprzi ordni sabiex il-process ta' esproprju jsir billi fi zmien qasir u perentorju Ii jigi prefiss, Ii jsir dak Ii hemm bzonn isir halli tohroq id-Dikjarazzjoni Presidenzjali u ssir I-intimazzjoni gudizzjarja (ga maghrufa bhala Notice to Threat) ghal dan I-iskop u dan taht il-komminazzjoni ta' penali gornaliera ghas-semplici dewmien;
iii. Tipprovdi Ii I-emendi Ii saru fil-Kapitolu 88 relattivi minn meta ttiehed il-pussess tal-art de quo relattivi ghiad-determinazzjoni dwar I-istima tal-art, x'inhi art fabrikabbli, ghall-kalkolu ta' kumpens, capping skond il-valuri fl-1 ta' Jannar 2005, interessi u spejjez tal-kawza f'kaz Ii I-prezz offert jigi kontestat, ma jigux applikati fil-konfront tal-esponenti;
iv. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti kumpens xieraq ghall-lezjoni, kemm ghall-hsara pekunjarja kif ukoll hsara non-penkunjara kif sancit fil-Kostituzzjoni u anke fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.
BI-ispejjez u bl-interessi kontra I-intimati Ii huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Illi I-Awtorita esponenti umilment tikkontendi illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda fil-konfront taghha ghar-ragunijiet segwenti:
1. Preliminarjament, iI-kumpaniji rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji.
IIIi I-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma ta' natura amministrattiva u civili illi kieku kellhom jigu milqugha, jissarrfu fi hlas ta' kumpens wara Ii tigi segwita l-procedura appozita skont iI-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil-fatt it-talba principali tar-rikorrenti hija proprju sabiex l-intimati jsegwu l-procedura ta' esproprju filwaqt li ma jigux applikati l-provvedimenti tal-ligi ai termini tal-Att imsemmi in vigore illum il-gurnata, jircievu kumpens, u dan flimkien ma talba dikjaratorja li inkissru d-drittijiet fondamentali tas-socjetajiet rikorrenti.
Illi dan ir-rimedju seta' facilment jigi mfittex fil-kuntest ta' proceduri quddiem il-Qrati ordinarji, u mhux fis-sede Kostituzzjonali. Madanakollu, is-socjetajiet rikorrenti ma ntavolawx ebda proceduri quddiem il-Qrati ordinarji.
Illi jinghad illi persuna li toqghod tittrattjeni milli tiehu passi gudizzjarji ma tistax, wara li jghalqu t-termini tar-rimedji ordinarji lilha spettanti, tittenta rimedju straordinarju bhal ma hija kawza Kostituzzjonali.
Illi ghalhekk, l-azzjoni tar-rikorrenti quddiem din l-Onorabbli Qorti fis-sede Kostituzzjonali taghha mhijiex proponibbli stante illi r-rikorrenti ma uzufrewx ruhhom min-numru ta' rimedji ordinarji effettivi li kellhom a dispozizzjoni taghhom, inkluz dawk pussessorji jew petitorji li persuna li jkun tilef pussess taghha jista' jittenta kontra l-pussessur.
Illi l-esponenti tissottometti ghalhekk illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tastjeni milli tezercita s-setghat taghha u dan ai termini tal-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni (Artikolu 46(2) u taht l-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Preliminarjament, l-esponenti mhijiex il-leglttima kontraditrici ghall-ilmenti tar-rikorrenti.
IIli minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti mhijiex il-legittimu kontraditrici ghall-pretensjonijiet tar-rikorrenti u dan fuq tlett binarji:
a. IIli l-Awtorita esponenti ma kellha l-ebda involviment fl-allegat tehid tal-art in kwistjoni, la fl-allegat twessiegh ta' triq u lanqas f'thawwil ta' sigar;
b. Illi anke jekk, dato ma non concesso, hija jew il-predecessur taghha l-ADT [Awtorita dwar it-Trasport] ghamlu xi xoghlijiet fuq l-art in kwistjoni u ghandu ghalhekk isir xi esproprju u/jew jithallas xi kumpens, il-ligi ma taghtiha ebda dritt sabiex tesproprja hija stess b'mod dirett u/jew illi taghti xi tip ta' kumpens u/jew rimedju ghal tehid jew esproprjazzjoni ta' art. Il-proceduri ta' esproprjazzjoni u ta' hlas ta' kumpens semmai jaqghu taht ir-responsabbilita tal-intimat l-iehor il-Kummissarju tal-Artijiet;
c. Illi l-Awtorita ma ghandha l-ebda rwol fil-promolgazzjoni tal-ligi, f'dak li jirrigwarda l-emendi fil-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola l-process ta' esproprju u emendi anciliari.
Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda fil-konfront tal-Awtorita esponenti.

3. Preliminarjament, ir-rikorrenti jridu jgibu prova li huma ghandhom tassew titolu fuq is-sit in kwistjoni u li tali art tassew ittehditilhom.
IIli minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghalkemm ir-rikorrenti esebew kuntratti ta' akkwist tal-art illi qed isostnu li ttehditilhom, huma naqsu milli jindikaw b'mod car u akkurat illi l-istess kuntratti jirreferu ghall-art in kwistjoni. Fil-fatt, ghalkemm ir-rikorrenti mar-rikors taghhom annettew ukoll sensiela ta' pjanti, bl-ebda mod ma kkonfermat li dawn huma l-pjanti li kienu originarjament mehmuza mal-kuntratti ta' akkwist.
Illi jinghad li ghandu jkun hemm prova nkonfutabbli tal-art attwalment akkwistata mir-rikorrenti u dik li allegatement ittehditilhom, inkluz il-pozizzjoni u l-qisien relattivi ghall-istess.

4. Fil-mertu, l-esponenti ma kellha l-ebda involviment fl-okkupazzjoni tal-art
Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi jigi pruvat meta saru x-xoghlijiet li allegatament saru fuq l-art mertu ta' din il-vertenza u li l-istess tassew saru mill-esponenti u mhux minn xi entita jew persuna ohra li fiha kienet vestita l-mansjoni guridika ta' tehid ta' art jew kostruzzjoni tat-toroq.
IIli f'dan l-isfond, u b'referenza ghat-triq in kwistjoni, jinghad is-segwenti:
a) Illi t-triq in kwistjoni ilha snin iffurmata u tintuza mill-pubbliku u dan, ex admissis, skont ir-rikors stess tar-rikorrenti;
b) IIli kwalunkwe xoghol li seta' sar mill-esponenti, jekk tassew dan sar, ikun sar in linja mal-funzjonijiet u l-poteri taghha fil-ligi;
c) Illi l-Awtorita esponenti ma ghandha l-ebda setgha li tesproprja jew li taghti kumpens hija stess u
d) Illi ghalhekk ma jistax jinghad illi l-esponenti "hadet" xi art in kwistjoni bi ksur ta' tal-Artikolu 1 ta-Ewwel Prokotol tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan, la mill-legali u lanqas mill-lat fattwali.

5. Fil-mertu, l-inapplikabilita tal-artikoli citati bhala allegatament miksura, ossia l-artikolu 6 tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.
Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti bl-ebda mod ma jispjegaw kif qeghdin jallegaw li gew miksura d-drittijiet fondamentali ossia l-protezzjoni minn trattament inuman taht l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u d-disposizzjonijiet sabiex tigi zgur ata protezzjoni tal-ligi relatata mad-dritt ta' smigh xieraq taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikoli citati mir-rikorrenti huma inapplikabbli fil-kaz in ezami u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigi michuda.

6. Subordinatament, kwalsiasi talba sabiex ma jigux applikati l-provvedimenti tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex ir-rikorrenti jinghataw kumpens ghall-okkupazzjoni u danni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u teccedi il-kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti.
IIli subordinatament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tat-talba sabiex sabiex l-emendi li saru fil-Kapitolu 88 ma jigux applikati fil-konfront tal-esponenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li kieku kellu japplika l-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta, huma d-disposizzjonijiet legali vigenti llum il-gurnata li japplikaw u mhux kif qeghdin jipproponu r-rikorrenti, ossia li tali disposizzjonijiet ma japplikawx ghalihom. IIli di piu u relatata ma dan, tali talba teccedi l-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti;
IIli relatata mal-kwistjoni ta' kompetenza, fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti ghall-likwidazzjoni ta' kumpens ghall-allegata okkupazzjoni u ghad-danni, l-esponenti tirreferi ghal-paragrafi 2 u 4 ta' din ir-risposta fejn huwa car li hija qatt ma okkupat ebda art tar-rikorrenti kif ukoll ghad-dikjarazzjoni tar-rikorrenti nfisha fir-rikors promotur taghha illi l-art, semmai, intuzat ghal skop u fl-interess pubbliku u umilment tissottometti illi jekk din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, dikjarazzjoni ta din il-Qorti f'dak is-sens ghandha tikkostitwixxi just satisfaction sufficjenti.

Ghaldaqstant, l-Awtorita esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrespingi r-rikors odjern bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri partikolarment jekk jirrizulta illi l-allegat tehid tal-art sehh qabel it-tletin [30] ta' April 1987.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat u tal-Awtorita tal-Artijiet li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament, ir-rikorrenti ma ezawrixxewx ir-rimedji ordinarji disponibbli ghalihom u dan ghaliex huma kellhom se mai jistitwixxu proceduri skont l-artikolu 1078(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk, bid-dovut rispett, din l-Onorabbli Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat Kostituzzjonali taghha u dan skont il-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi fuq linea preliminari wkoll u ghal kull buon fini, fl-ewwel talba tar-rikorrenti ghandhom isiru zewg korrezzjonijiet fir-referenza ghall-artikolu 6 tal-Kap. 319 u fir-referenza ghall-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-paragrafi precedenti, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu kategorikament michuda fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex ma hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u dan ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu hawn elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

4. Illi r-rikorrenti ma semmewx b'liema mod id-dritt fundamentali taghhom ghal smigh xieraq gie mittiefes;

5. Illi kif sostnew ir-rikorrenti stess u kif jirrizulta mir-records tad-Dipartiment tal-Artijiet, ma nharget l-ebda Dikjarazzjoni Presidenzjali u lanqas Avviz fil-Gazzetta tal-Gvern fir-rigward tal-proprjeta msemmija u ghalhekk id-disposizzjonijiet tal-Kap. 88 assolutament ma japplikawx ghall-kaz in dizamina;

6. Illi l-Kummissarju tal-Artijiet mhux l-awtorita kompetenti li tiehu decizjonijiet dwar fejn ghandhom isiru progetti pubblici jew minn fejn ghandhom jghaddu toroq godda fil-pajjiz, u kull meta jkun hemm il-htiega li jsiru progetti jew xoghlijiet ta' din ix-xorta, hi l-awtorita li tkun se taghmel dawn ix-xoghlijiet li jehtieg li taghmel talba mal-Kummissarju intimat sabiex iniedi l-procedura tal-esproprju;

7. Illi mir-records tad-Dipartiment tal-Artijiet irrizulta li ma kien hemm l-ebda talba apposita mill-awtorita sabiex jinbdew il-proceduri relevanti ghall-esproprju tal-art in kwistjoni;

8. Illi minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal fuq, bhala regola, il-Gvern ma jesproprijax artijiet li fuqhom inbnew toroq li saru skont l-obbligi mposti fuq min jibni, bil-provvedimenti ta' regolament 12 tar-Regolamenti dwar Toroq Godda u Xoghlijiet f'Toroq tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.57, liema regolament jipprovdi dan li gej:
'Ebda bini li jmiss ma' triq gdida [post abitat ma jista' jinbena qabel ma t-triq tigi invellata sewwa mal-linja kif moghtija mill-Awtorita ta' Malta dinar l-Ambjent u l-Ippjanar, b'konsultazzjoni mal-Awtorita. It-tul tat-triq li ghandha tigi hekk invellata ghandu jibda minn triq li diga hemm u li tkun diga miftuha ghall-pubbliku u ghandu jibqa' sejjer sal-ahhar tarf tal-faccata tal-bini li jkun se jsir.'

9. Illi referenza ghandha ssir ukoll ghar-regolament numru 18 tar-Regolamenti msemmija fil-paragrafu ta' qabel fejn jinghad li:
"Is-sidien ta' kull proprjeta li tmiss direttament ma' triq privata jew il-persuni li jkollhom dik il-proprjeta b'enfitewsi, jitqiesu, ghall-fini ta' din it-Taqsima, ii huma I-persuni li fethu dik it-triq u li huma s-sidien taghha:
lzda kull persuna li jkollha l-obbligu li taghmel xi xoghlijiel fi triq bhal dik ghandha l-jedd ta' regress kontra terzi bil-mezz tal-azzjoni civili, moghtija mil-ligi, sabiex tithallas Iura ta' kull spiza li tkun ghamlet dwar dawk ix-xoghlijiet:
Izda wkoll, ebda azzjoni civili ma tista' iddewwem l-esekuzzjoni tax-xoghlijiet mill-persuna obbligata Ii taghmilhom."

10. Illi minn dan isegwi li meta triq tkun infethet mill-privat, din tibqa' meqjusa bhala proprjeta tal-privat u mhux tal-Gvern u I-Iigi timponi l-obbligi relattivi ghat-triqat li li mhumiex proprjeta tal-Gvern, fuq in-nies li fethu dik it-triq (Vide: Vincenzo Sciberras vs Carmelo Micallef, 2 ta' Frar 1949, Qorti tal-Appell);

11. Illi dawn ir-Regolamenti jkomplu jenfasizzaw li d-disposizzjonijiet tal-Kap. 88 ma japplikawx ghall-kaz in dizamina;

12. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad il-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti ma sofrew l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat ir-risposta tal-kjamat fil-kawza Works and Infrastructure Department fi hdan il-Ministeru tat-Trasport, Infrastruttura u Progetti Kapitali li tghid hekk:

1. Illi l-esponent gie kjamat in kawza permezz ta’ digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti datat 25 ta’ Settembru 2019;

2. Illi in linea preliminari, I-esponent jeceppixxi n-nuqqas ta' ezawriment tar-rimedju ordinarju da parti tar-rikorrenti, u dan ghaliex ir-rikorrenti setghu jintavolaw kawza quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex jitolbu r-rimedju xieraq u opportun, u ghalhekk din I-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita I-gurisdizzjoni taghha ai termini tal-proviso ghall-artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, I-esponent jeceppixxi n-nuqqas ta' applikabilita tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta stante li lanjanza tar-rikorrenti ma tirrigwardaxi nuqqas ta' smigh xieraq;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, I-allegazzjoni tar-rikorrenti, kif dedotta fir-rikors promotur ghall-kjamat fil-kawza tal-esponent, illi x-xoghlijiet fl-art mertu tal-kawza odjerna saru da parti tad-Dipartiment ghax-Xoghlijiet u I-Infrastruttura hija kompletament infondata kemm fil-fatt u fid-dritt;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent mhuwiex il-legittimu kontradittur stante li, kuntrarjament ghal dak li qed jinghad da parti tar-rikorrenti, l-esponent, tramite d-Dipartiment ghax-Xoghlijiet u l-Infrastruttura, ma okkupa u lanqas ha art proprjeta tar-rikorrenti u ghalhekk ma kellux ghalfejn iniedi l-procedura ta' esproprjazzjoni, u b'hekk id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 88 ma japplikawx;

6. Illi fil-kaz odjern u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-ligi li tassew hija applikabbli ghall-kaz in ezami hija dik ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 20 tal-Kap. 10 li kienu japplikaw qabel dahal fis-sehh l-Avviz Legali 29 tal-2010 (Regolamenti tal-2010 dwar Toroq Godda u Xoghlijiet f'Toroq, S.L. 499.57);

7. Illi dan l-artikolu 20 kien jistabbilixxi li s-sidien ta' proprjeta b'fattata fuq it-triq ghandhom l-obbligu li jiffurmaw u jillevellaw it-triq, kif ukoll jghaddu s-servizzi mehtiega mil-ligi qabel ma jwettqu xoghol ta' bini fuq l-istess fondi, u t-triq li tkun hekk infethet mill-privat, tibqa' meqjusa li hi proprjeta tal-privat u ma tistax titiqes li hija tal-Gvern ghax dan tal-ahhar ikun ghamel xi xoghol pubbliku bhal ma hu dak ta' asfaltar;

8. Illi huwa ghalhekk manifestament evidenti li diversament minn dak kontez mir-rikorrenti, il-kaz de quo certament mhuwiex wiehed ta' esproprjazzjoni ghaliex ladarba l-artikolu 20 tal-Kap. 10 kien jimponi l-obbligu fuq is-sidien tal-fondi li jibnu l-faccata tal-proprjeta taghhom sabiex jifthu t-triq li tmiss ma' dik il-faccata, logikament ma kienx hemm u ghad hemm ebda lok li l-art in kwistjoni tigi espropjata kif qed jitolbu r-rikorrenti;

9. Illi ghaldaqstant it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur ghandhom jigu michuda kollha bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tat-18 ta' Marzu, 2019, li permezz tieghu gie nominat il-perit tekniku Joseph Ellul Vincenti, kif ukoll id-digrieti sussegwenti li estendew l-inkarigu tal-istess perit nominat;

Rat l-atti, ir-rapporti peritali u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tal-azzjoni tar-rikorrenti, qieghed jigi allegat ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom, meta l-Gvern hekk kif rapprezentat mill-intimati, okkupa l-art taghhom minghajr ma ttiehdu l-proceduri t'esproprju u dan kif protetti bl-Artikoli 37 u

39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 6 u 13 tal-istess Kapitolu 319. Kwindi qeghdin jintalbu (i) dikjarazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali; (ii) rimedju xieraq sabiex jigi accertat li din il-lezjoni ma tibqax issehh, inkluz ordni sabiex il-process ta' esproprju jsir fi zmien qasir u perentorju u fin-nuqqas li tigi mposta penali gornaliera ghas-semplici dewmien; (iii) tipprovdi li l-emendi li sehhew tul is-snin fil-Kap. 88 ma jigux applikati fil-konfront tar-rikorrenti u (iv) tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti kumpens xieraq ghal-lezjoni, kemm ghall-hsara pekunarja, kif ukoll hsara non-pekunarja kif sancit fil-Kostituzzjoni u fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Permezz tar-risposta taghhom, l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Artijiet wiegbu (i) in via preliminari li r-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji peress li setghu pprocedew skont l-Artikolu 1078 (b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk stiednu lil din il-Qorti tirrifjuta li tezercita s-setghat Kostituzzjonali taghha u dan skont l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) li ghandhom isiru zewg korrezzjonijiet fir-referenza ghall-Artikolu 6 tal-Kap. 319 u ghall-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni; (iii) t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda stante li ma hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti; (iv) r-rikorrenti ma semmewx b'liema mod id-dritt taghhom ghal smigh xieraq gie mittiefes; (v) ladarba ma nharget ebda Dikjarazzjoni Presidenzjali, ma japplikawx id-disposizzjonijiet tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta; (vi) l-Kummissarju tal-Artijiet mhux l-awtorità kompetenti li tiddeciedi fejn jitwettqu progetti pubblici mentri hija l-awtorità li tkun se taghmel ix-xoghlijiet li taghmel it-talba mal-Kummissarju intimat sabiex iniedi l-procedura tal-esproprju; (vii) ma jirrizulta li saret ebda talba sabiex jinbdew il-proceduri relevanti ghall-esproprju tal-art in kwistjoni; (viii) bhala regola, l-Gvern ma jesproprjax artijiet li fuqhom inbnew toroq li saru skont l-obbligi mposti fuq min jibni, bil-provvedimenti tar-regolament 12 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.57; (ix) ghandha ssir referenza wkoll ghar-regolament 18 tal-imsemmija regolamenti; (x) isegwi li meta triq tkun infethet mill-privat, din tibqa' meqjusa bhala proprjetà tal-privat u mhux tal-Gvern; u (xi) ghalhekk il-provvedimenti tal-Kap. 88 ma japplikawx ghall-kaz in ezami.

L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta wiegbet illi (i) r-rikorrenti m'ezawrewx ir-rimedji ordinarji; (ii) l-esponenti mhix il-legittima kontradittrici ghall-ilmenti tar-rikorrenti; (iii) r-

rikorrenti jridu jgibu prova li huma ghandhom tassew titolu fuq is-sit in kwistjoni u li tali art tassew ittehditilhom; (iv) hija ma kellha ebda involviment fl-okkupazzjoni tal-art; (v) l-inapplikabbilità tal-artikoli 6 tal-Kapitolu 319 u l-artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, citati bhala allegatament miksura u (vi) kwalsiasi talba sabiex ma jigux applikati l-provvedimenti tal-Kap. 88 tal-Ligiijiet ta' Malta u sabiex ir-rikorrenti jinghataw kumpens ghall-okkupazzjni u danni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u teccedi il-kompetenza ta' din il-Qorti.

Permezz tat-twegiba tad-Direttur Generali ghax-Xoghlijiet u Infrastruttura nghad li (i) r-rikorrenti naqqsu milli jezawrixxu r-rimedji ordinarji li ghandu jwassal lil din il-Qorti sabiex tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha ai termini tal-proviso tal-Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) in-nuqqas t'applikabbilità tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta stante li l-lanjanza tar-rikorrenti ma tirrigwardax nuqqas ta' smigh xieraq; (iii) l-allegazzjoni tar-rikorrenti li x-xoghlijiet fl-art mertu tal-kawza saru da parti tad-Direttur tax-Xoghlijiet u Infrastuttura hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt; (iv) l-esponent mhuwiex il-legittimu kontradittur stante li ma okkupa u lanqas ha proprjetà tar-rikorrenti u ghalhekk ma kellux ghalfejn iniedi l-procedura ta' esproprjazzjoni u ghalhekk id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 88 ma japplikawx; (v) il-ligi applikabbli hija dik ai termini tal-provvedimenti tal-Artikolu 20 tal-Kap. 10 li kienu japplikaw qabel dahlu fis-sehh l-Avviz Legali 29 tal-2010 S.L 499.57); (vi) s-sidien ta' proprjeta b'faccata fuq triq ghandhom l-obbligu li jiffurmaw u jillivellaw it-triq qabel ma jwettqu xoghol ta' bini fuq l-istess fondi u t-triq li tkun infethet mill-privat tibqa' meqjusa proprjetà tal-privat u ma tistax titqies li hija tal-Gvern ghaliex ikun ghamel l-asfaltar; (vii) huwa manifest li l-kaz *de quo* mhux wiehed t'esproprjazzjoni ghaliex ladarba l-Artikolu 20 tal-Kap. 10 jimponi obbligu fuq is-sidien biex jifthu t-triq, ma kienx hemm u ghad m'hemm ebda lok li l-art in kwistjoni tigi esproprjata kif mitlub mir-rikorrenti u (viii) ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Fatti**

Jinhass xieraq li ssir rassenja kronologika tal-fatti saljenti, kif rizultanti mill-provi mressqa in atti, mill-partijiet in kawza. Fit-**28 ta' Frar, 1968,** skont l-iskemi approvati mid-Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici, l-art in kwistjoni kienet kategorizzata bhala art

agrikola (Dok. MC1 a fol. 630 tal-process), cioè li taqa' barra miz-zona ta' zvilupp. Fil-**21 ta' Frar, 1973**, id-Dipartiment tax-Xoghlijiet talab lill-Kummissarju tal-Artijiet (Dok. RF (A1) a fol. 604 tal-process) sabiex isir l-esproprju t'art fid-distrett tal-Kottonera sabiex isir progett li kien jinkludi (1) il-bini ta' triq li tghaqqad Ghajn Dwieli ma' Zabbar Road, Paola; (2) zvilupp ta' *green area* bejn it-triq u l-wied u (3) *glacis* u belvedere li kellhom jigu zviluppati fuq in-naha tal-lvant tat-triq, kif rizultanti mill-pjanta annessa mal-istess ittra. Fid-**9 ta' Settembru, 1973** sar il-ftuh ufficjali tat-triq ta' Wied Blandun mill-Ministru tal-Bini Pubbliku u Xoghlijiet (Dok. AB1 a fol. 74 tal-process). Fis-sena **1989**, skont it-Temporary Provision Schemes, l-art in kwistjoni kienet indikata bhala art ODZ kollha kemm hi (fol. 632 tal-process). Fit-**23 t'April, 1991**, saret talba ohra mid-Dipartiment tax-Xoghlijiet, approvata mill-Ministru ta' dak iz-zmien, lill-Kummissarju tal-Artijiet, ghall-esproprjazzjoni tal-art marbuta mal-progett ta' gnien pubbliku ta' Wied Blandun, Paola (Dok. AB3 a fol. 76 tal-process).

Fit-**18 ta' Gunju, 1992**, permezz ta' kuntratt ta' bejgh fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar, ir-rikorrenti Joseph Mangion, Zoqdi Developers Limited u B.D. Limited akkwistaw in kwantu ghal terz indiviz kull wiehed, ta' nofs indiviz ta' porzjon diviza mill-art imsejha ta' Wied Blandun, tal-kejl komplessiv ta' cirka 4,123 metru kwadru (Dok. A mar-rikors promotur) ghall-prezz ta' Lm10,000. Permezz ta' kuntratt iehor ta' bejgh fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar, tal-**1 ta' Lulju, 1992**, Zoqdi Developers Limited u B.D. Limited akkwistaw ir-rimanenti nofs indiviz ta' porzjoni diviza ta' art Casal Paola, mill-art imsejjha Ta' Wied Blandun tal-kejl komplessiv ta' 3,478 metru kwadru (Dok. C mar-rikors promotur) ghall-prezz ta' Lm16,000.

Fid-**9 ta' Lulju, 2005,** ir-rikorrenti interpellaw ufficjalment lill-Kummissarju tal-Artijiet sabiex jibda l-process t'esproprjazzjoni tal-istess proprjetà okkupata mill-Gvern sabiex titwessa' t-triq u in parti sabiex isir gnien (li ggib referenza 3590/05 a fol.96 tal-process). Fl-**1 ta' Novembru, 2005,** il-Kummissarju tal-Artijiet wiegeb li huwa mhux il-legittimu kontradittur stante li huwa qatt ma okkupa jew ghamel xoghlijiet fuq l-art in kwistjoni. Fil-Pjan Lokali ta' **Lulju 2006** (fol. 632 tal-process) l-art in kwistjoni baqghet indikata bhala art ODZ (Outside Development Zone). Fis-**6 t'Ottubru, 2010**, saret il-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni Presidenzjali ghall-art biswit dik tar-

rikorrenti, li kienet iggib il-kejl ta' 15,340 metru kwadru, izda l-art tar-rikorrenti thalliet barra (Dok. AB6 u AB 7 a fol. 79 u 80 tal-process).

**Provi**

Il-Perit Joseph Briffa, direttur tas-socjetà rikorrenti B.D. Limited xehed li meta xtraw l-art in kwistjoni, kienu jafu li parti minnha dahal fiha l-Gvern u li kien ghadu ma harigx Gazzetta tal-Gvern. Fit-tarf ta' din l-istess art, fejn jispicca l-*glacis*, hemm mina mdaqqsa fejn l-ilma li jingabar 'l hemm mit-triq ghandu fejn imur fil-wied (Dok. AA4 a fol. 102 u 103 tal-process). Skont ix-xhieda tal-perit Briffa, ghalkemm mill-pjanti annessi mat-talba tad-Dipartiment tas-sena 1991, il-Gvern kien ser jokkupa madwar 60% tal-art mixtrija minnhom, ladarba l-Gvern dahal mal-faccata kollha u zera' s-sigar, ma setghux japplikaw ghal permessi fiha peress li l-parti ta' wara tal-istess art giet minghajr access ghal fuq triq u li trid tidhol mill-bosk biex tmur ghaliha.

Esebixxa estratt minn dokument, li kien iservi lill-periti tad-Dipartiment bhala linji gwida, bbazati fuq il-Kodici tal-Pulizija (Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta) li minnu jirrizulta li, fejn ikun hemm triq li naha tkun mibnija u l-ohra le bhal fil-kaz ta' Triq Kampanella, cioè fejn in-naha l-ohra tal-bini huwa *green area* l-individwi jew is-sidien tal-bini iridu jhallsu nofs il-wisa' tat-triq sa massimu ta' tletin pied (9.14 metri – ara dokument esebit a fol. 173 tal-process). Jispjega li meta wiehed jara l-pjanti tal-post tas-snin 1958 u 1968, (esebiti a fol. 148 u 149 tal-process), wiehed isib *contour lines* li jaghtik l-gholi jew l-elevazzjoni tal-art (kalkulat fuq is-*sea level)* li minnhom jirrizulta li kien hemm livelli differenti minn dak li hemm illum-il gurnata, fis-sens li jirrizulta li hemm materjal mitfugh sabiex iservi ta' *glacis* sabiex jilqa' l-materjal li ntuza sabiex gew iffurmati t-triq u l-gnien. Relevanti wkoll huwa d-dokument esebit mill-perit Briffa, mmarkat bhala Dok. AB 2 esebit a fol. 193 tal-process li jirraprezenta *cross-section* ta' XX mmarkata fuq il-pjanta Dok. AB1 (fol. 192) fejn jirrizulta li f'parti minnha, fl-aktar post fond tal-wied, sa fejn jinghad mill-Gvern li huwa dahal u esproprja hemm madwar 12.8 metru materjal, li bilfors ifisser li hemm tqieghed *glacis* li jibqa' niezel sabiex izomm dak il-materjal, altrimenti kien jibqa' sejjer u fil-wicc zerghu s-sigar sabiex il-materjal jigi stabilizzat, peress li l-gheruq tas-sigar iservu l-iskop li jorbtu. In kontro-ezami, l-perit Briffa jispjega li huwa jippretendi li fejn il-Gvern dahal u tefa' r-radam u hawwel is-sigar fil-proprjetà tieghu, l-Gvern ghandu jipprocedi

bl-esproprju tieghu. Jikkonferma li meta xtara l-art fis-sena 1992, huwa kien jaf li l-Gvern kien okkupa parti mill-art u kien xtaq li jigi determinat l-estent t'art okkupata mill-Gvern sabiex ikunu jistghu jiddeciedu x'ser jaghmlu. Isostni li dak iz-zmien l-art setghet tigi zviluppata.

Xehed ukoll Andrew Agius, Direttur tas-socjetà rikorrenti Zoqdi Developers Limited, li kkonferma li xtrat proprjetà, bi shab mar-rikorrenti l-ohra fil-kawza f'Wied Blandun f'zewg kuntratti, wiehed minghand Carmelo Bonavia, li kienet tinkludi l-parti stradali u parti minghand Joseph Borg, li ma kenitx tinkludi l-parti stradali u dan kif jirrizulta mill-kuntratti esebiti in atti. Meta xtraw l-art fis-sena 1992, parti minnha kienet bis-sigar li kienu thawwlu minn xi Dipartiment u parti le. Joseph Borg kien tah xi korrispondenza li kienet turi li Borg kien qieghed jippretendi kumpens ghall-art li ttiehdet f'BlueBell Street, Paola (Dok. AA1 a fol. 93 tal-process) u l-ittra tat-23 t'April, 1991, mahruga mid-Dipartiment tax-Xoghlijiet li kienet turi li kien hemm talba ghall-esproprju tal-art f'Paola. Kien imur f'diversi dipartimenti, izda kienu jibghatuh min-naha ghall-ohra, sakemm fl-ahhar iddecieda li jibda jiehu passi legali permezz t'ittra ufficjali fid-9 t'Awissu, 2005. Filwaqt li Joseph Borg kellu art ohra fil-vicinanzi li giet esproprjata, tieghu baqghet mhux esproprjata. Jispjega li huwa xtara l-art sabiex jaghmel negozju minnha, fil-fatt kien kellmu sensar u tah pjanta (esebita bhala Dok. AA2 a fol. 101 tal-process) ta' kif setghet titqassam fi plots. Izda llum hemm biss sigar u *culvert* (skont ritratti esebiti minnu bhala AA3 u AA4). Ghalkemm in kontro-ezami ghall-bidu jghid li jahseb li kien hemm permessi fuq l-art mixtrija minnu, wara jghid li ma kellux permessi tal-bini f'idejh u li huwa qatt m'applika ghal permess tal-bini u l-hsieb tieghu kien li kellhom jinqalghu s-sigar sabiex huwa jkun jista' jibni l-art.

Il-perit Ray Farrugia, Direttur Generali tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet, xehed li l-izvilupp tul Triq Kampanella, fil-Fgura, sar permezz ta' zvilupp privat li kellhom obbligu li jiffurmaw it-triq, fis-snin sebghin, u ghalhekk din it-triq qatt ma ffurmat parti minn xi talba tad-Dipartiment ghall-esproprjazzjoni, peress li ma kien hemm ebda htiega li jsir dan. Sussegwentement, il-Gvern dahal jaghmel xoghol ta' drenagg, bankini u asfaltar, li ghalih kien hemm process t'*apportionment,* cioè wara li l-Gvern jaghmel ix-xoghol, il-kont ghall-hlas jinqasam bejn is-sidien tal-proprjetajiet skont it-tul tal-faccata li jkollhom fuq dik it-triq u ghalhekk l-obbligu li jhallsu ghall-imsemmija

servizzi (ara Dok. RF 3 a fol. 151 tal-process). F'dan il-kaz, il-perit Farrugia jispjega li ladarba n-naha l-ohra tat-triq hija *Green Area,* l-*apportionment* isir bejn is-sidien privati ghall-wisa' kollu tat-triq ta' erbghin pied u ghalhekk id-Dipartiment ma kellu ebda htiega li jaghmel l-esproprju ghal din it-triq. Relevanti wkoll hija x-xhieda tal-perit Farrugia, b'referenza ghall-pjanta Dok. RF1 (a fol. 118 tal-process) fis-sens li ghalkemm originarjament il-Gvern kellu l-hsieb li jesproprja l-art kollha ndikata bl-orangjo ghall-iskop li ssir it-triq u l-art indikata bl-isfar sabiex isir Gnien Pubbliku, dik il-parti ndikata bl-isfar li hija delinjata bil-blu, jinghad li l-Gvern qatt ma dahal fiha (ara f'dan is-sens ittra esebita a fol. 120 tal-process, flimkien mal-pjanta hemm annessa). Mentri l-art ibbordurata bl-ahmar hija dik il-proprjetà tar-rikorrenti suggett tal-kaz in ezami (ara pjanti a fol. 118 u 120).

Xehed li bhala procedura d-Dipartiment tax-Xoghlijiet wara li jitlob lill-Kummissarju tal-Artjiet sabiex isir l-esproprju, suppost li jistennew li tohrog id-Dikjarazzjoni Presidenzjali fil-Gazzetta tal-Gvern u erbatax-il jum wara jkunu jistghu jidhlu fil-proprjetà privata. Il-perit Farrugia kkonferma li l-*contour lines* fuq is-*survey sheets* relattivi ghall-art in kwistjoni, jindikaw li kien hemm certu dizlivell qawwi ta' madwar hames metri bejn *contour line* u iehor. Fl-affidavit tieghu l-perit Farrugia jikkonkludi li dik il-parti mill-art in kwistjoni li tifforma parti minn Triq Kampanella dejjem kienet meqjusa bhala "*Private Street*" u ghalhekk ma kien hemm ebda htiega ta' esproprju filwaqt li l-art lil hinn mill-linja tat-triq, ghalkemm ghamlet zmien inkluza fit-talbiet tad-Dipartiment ghall-esproprjazzjoni, meta eventwalment gie kkonfermat li d-Dipartiment ma kienx intervjena fl-istess art, din giet rilaxxata u fil-fatt l-esproprjazzjoni li sehhet fl-2010 ma tinkludix din l-art.

In kontro-ezami il-perit Farrugia jispjega li ghalkemm il-*glacis* u l-belveder imsemmija fl-affidavit tieghu saru, fil-fehma tieghu dawn kienu jifformaw parti mill-esproprjazzjoni li saret fl-2010 (ara ittra A mmarkata fuq il-pjanta a fol. 616 tal-process). Jispjega li *glacis* jservi meta jkun hemm certu gholi fit-toroq u dan il-materjal li jintefa jservi bhala *retaining wall* u bil-materjal tal-irdim kienu jaghmlu *angle of repose* sabiex ma jaqax u jibqa' sejjer il-materjal. Iktar kemm ikun gholi d-dizlivell aktar ikollok *angle of repose*. Jaqbel li s-sigar ghandhom l-effett li jorbtu l-materjal tal-*glacis* u li dak iz-zmien normalment kien id-Dipartiment tal-Agrikoltura li jhawwel is-sigar u mhux id-

Dipartiment ta-Xoghlijiet. Jikkonferma wkoll li mir-ritratti mill-ajru filwaqt li f'dak tas-sena 1968 ma jidhrux is-sigar, izda hbula ta' raba', mir-ritratti sussegwenti s-sigar jidhru li saru b'mod ordnat.

Karl Borg, in rapprezentanza tal-Kummissarju tal-Artijiet xehed li ma saret ebda esproprjazzjoni fuq l-art in kwistjoni, izda l-art ta' hdejha giet esproprjata permezz ta' l-Avviz Numru 1007 fil-Gazzetta tal-Gvern tas-6 t'Ottubru, 2010. Esebixxa l-ittra datata 23 t'April, 1991, bil-pjanta li kienet tkopri l-estent tal-esproprju propost mid-Dipartiment tax-Xoghlijiet mibghuta lill-Kummissarju tal-Artijiet, iffirmata mill-perit H.A. Crockford. Esebixxa wkoll il-pjanta tal-art li attwalment giet esproprjata (esebita bhala Dok. KB3 a fol.164 tal-process).

Din ix-xhieda tinsab ikkonfermata minn Dr. Marisa Grech, Senior Manager tas-sezzjoni tal-Kuntratti mal-Awtorità tal-Artijiet. Mix-xhieda taghha jirrizulta wkoll li saret twegiba ghall-ittra tat-23 t'April, 1991, mahruga mid-Dipartiment tax-Xoghlijiet, fit-2 ta' Mejju, tas-sena 2000, fejn intalab *survey* ta' fejn sar ix-xoghol sabiex tkun tista' ssir l-esproprjazzjoni. Sussegwentement kien hemm skambju ta' korrispondenza bejn iz-zewg Dipartimenti tal-Gvern, fosthom fis-sena 2003, (Dok. H, I u J) dwar jekk l-art mertu tal-kawza kenitx ghadha mehtiega, peress li mill-pjanti kienet indikata bhala "*Not Utilised".* Eventwalment saret l-esproprjazzjoni ta' 15,340 metru kwadru f'Wied Blandun, il-Fgura (Dok. T a fol. 248 tal-process), li kienet teskludi ghal kollox l-art mertu ta' din il-kawza, peress li d-Dipartiment tax-Xoghlijiet kien infurmahom li ma kienx interessat fl-akkwist ta' din l-art. Relevanti wkoll huma l-pjanti esebiti mid-Dottoressa Grech bhala Dok. A1 u Dok. A2 a fol. 270 u 271 tal-process ghaliex minnhom jirrizulta l-estent tal-art mitluba ghall-esproprju fl-1991, sa fejn kienet tolqot l-art tar-rikorrenti, fejn jirrizulta car li porzjon biss mill-art tar-rikorrenti kienet milquta bit-talba ghall-esproprju. Kif ukoll it-tieni pjanta fejn id-Dipartiment tax-Xoghlijiet indika li ma kienx interessat bl-esproprju taghha tinkludi dik il-porzjon art tar-rikorrenti li kienet originarjament milquta bit-talba tal-istess Dipartiment tax-Xoghlijiet. Dawn il-pjanti gew imhejjija minn Peter Mamo u Manuel Darmanin, ufficjali fi hdan l-Awtorità tal-Artijiet.

Oliver Magro in rappreżentanza tal-Awtorità tal-Ippjanar ipprezenta set ta' disa' *aerial photos* li ttiehdu bejn l-1967 u l-2016 tal-art in kwistjoni (esebiti a fol. 203 sa 217 tal-process). Rega' xehed is-sur Magro fejn esebixxa t-tliet skemi tat-Triq Kampanella u l-pjan lokali li ghandha l-Awtorità, jigifieri dik tas-sena 1968, l-iskema tal-1989 u l-ahhar pjan lokali tal-2006, li minnhom jirrizulta li t-triq ilha approvata li tigi skemata sa mis-sena 1968. Interessanti hija x-xhieda ulterjuri ta' Oliver Magro dwar it-tip ta' zona fil-wesgha ta' Wied Blandun, inkluz Triq Kampanella, li jghid li kien hemm tliet skemi li l-Awtorità ghandha fuq l-istess zona, dik antika tal-1968 fejn dik il-bicca art kienet indikata bhala art agrikola, barra miz-zona ta' zvilupp, sussegwentement fis-sena 1989 kienet indikata bhala art ODZ kollha kemm hi, minghajr ma kellha designation u fl-2006 fil-pjan lokali baqghet indikata bhala art ODZ. Jispjega li mhux kompitu tal-Awtorità li tikklassifika toroq, peress li dan jaqa' fil-kompetenza t'Awtorita ohra, izda taqa' f'zona residenzjali, ladarba t-triq ghandha faccata minnha li hija ndikata bhala ODZ. Ikkonferma li l-iskemi imsemmija minnu japplikaw ghall-art suggett tal-kaz in ezami u filwaqt li bejn 1968 u 1988 l-art kienet meqjusa bhala art agrikola, mill-1989 'il quddiem kienet ODZ. Mistoqsi dwar x'tip ta' zvilupp jista' jsir fuq din l-art, ix-xhud jispjega li proposta dejjem tista' ssir, izda tigix accettata jew le hija kwistjoni ohra, peress li ma taqax fil-policies ta' dik l-art. Il-parti skemata bhala triq ghandha tibqa' triq sakemm ma tinbidilx l-iskema.

Xehed Jeffrey Formosa, ufficjal fi hdan l-Awtorità tat-Trasport Malta, li qal li Bluebell Street, hija kklassifikata bhala triq residenzjali u li tinsab skemata bhala triq mill-Awtorità ghall-Ippjanar. Jispjega li f'kaz ta' toroq residenzjali, n-norma hija li dawn jinfethu mir-residenti bl-izvilupp, jigifieri dak li jkun jibni u jifforma (jillivella/jwitti) t-triq vicin li tkun lesta sal-binja tieghu. Mentri f'toroq arterjali u distributorji, f'kaz li Infrastructure Malta jkollha bzonn tidhol f'art privata, taghmel talba ghall-esproprju lill-Awtorità ghall-Artijiet. Meta l-izviluppaturi jkunu qeghdin jifformaw it-triq fuq iz-zewg nahat, jigri li l-izviluppatur fuq kull naha jhallas ghal nofs it-triq, izda imkien ma jinghad li l-izviluppatur ghandu jifforma nofs it-triq, kwindi l-Awtorità tinterpretaha li meta triq tkun mibnija fuq naha u ma jkunx hemm zvilupp fuq in-naha l-ohra, l-izviluppatur ikun irid jifforma l-wisa' tat-triq kollha u jhallas *road contribution.* Gialdarba t-triq tigi asfaltata mill-Gvern, l-istess triq tigi disponibbli ghall-uzu tal-

pubbliku u dan skont l-Avviz Legali 29 tas-sena 2010 u l-manutensjoni tal-istess triq tghaddi f'idejn il-gvern lokali.

**Perizja**

Mir-rapport tal-perit tekniku Joseph Ellul Vincenti pprezentat fl-10 ta' Gunju 2019, (fol. 496 et seq. tal-process) jirrizulta li dan sar a bazi tat-*terms of reference* moghtija mir-rikorrenti, kif degretat waqt l-access mizmum mill-Qorti. Fuq mistoqsija tar-rikorrenti dwar jekk mir-rizultanzi fl-access u mill-process, l-art mertu tal-kawza kif tinsab illum m'hijiex fl-istess stat li kienet qabel ma sar l-izvilupp fl-istess art fis-sena 70, il-perit wiegeb li, waqt l-access ikkonstata numru kbir ta' sigar ta' certu kobor li juru li ilhom hemm ghal numru ta' snin. Inoltrè, filwaqt li mir-ritratti mehuda mill-ajru, esebiti minn Oliver Magro jirrizulta li l-art mertu tal-kawza, fis-sena 1967 kienet imtarrga u kienet komposta minn erba' sa hames hbula ta' forma rregolari, bil-hitan tas-sejjieh u d-diversi livelli, mir-ritratti tas-sena 1978 'il quddiem, il-hbula tar-raba' u l-hitan tas-sejjieh sparixxew ghal kollox u llum tidher biss rampa mit-triq ghal isfel, forma ta' *glacis*, minn Triq Kampanella 'l isfel lejn il-wied. Il-perit jaghmel referenza wkoll ghall-kopja ta' *survey sheet* ipprezentata minnu bhala Dok. JEV/3 (fol. 511 tal-process), li minnha jinghad li jirrizulta car li l-art kienet imtarrga u dan kif jirrizulta wkoll mill-*contour lines,* li jirraprezentaw id-differenza fil-livell bejn Triq il-Kampanella u l-bicca ta' isfel tal-art mertu tal-kawza.

Mistoqsi dwar in-natura tal-art, jekk din kellhiex faccata fuq triq u kenitx fil-vicinanzi ta' zvilupp li allura titqies bhala art fabrikabbli fis-sena 1973, il-perit wiegeb li mill-*aerial view* jidher li sa mis-sena 1967, kien hemm bini ezistenti fuq naha wahda ta' Triq Kampanella u ghalhekk parti kbira minn din l-art setghet titqies bhala art fabrikabbli ghall-fini ta' valutazzjoni. Jispjega li jghid "parti minnha" peress li (1) parti konsiderevoli ttiedet minn terzi ghall-formazzjoni tat-triq, u (2) titqies fabrikabbli ghal dik il-parti mill-art sa fond ta' tnax-il qasba, filwaqt li l-parti ta' wara ma titqiesx fabbrikabbli.

Il-perit tekniku ntalab ukoll li jaghti stima tal-art mertu tal-kawza bhala art fabrikabbli fis-sena 1973, f'Jannar 2005 u llum, filwaqt li rrileva li r-regoli tal-esproprjazzjoni inbidlu diversi drabi tul is-snin, biex jasal ghal xi forma ta' valur ta' din l-art fl-1973,

huwa jaghmel numru ta' *assumptions* cioè li l-art hi fabbrikabbbli u li fuq din l-istrixxa art jistghu jinbnew mill-inqas tnax-il dar u ghal kull plot ta' dar tiswa madwar €200,000, sabiex il-valur totali llum il-gurnata jammonta €2,400,000, filwaqt li l-valur fl-2005 kien ikun dak ta' €1,917,647 u fis-sena 1973 kien ikun ta' €823,529.

Ir-risposti saljenti tal-mistoqsijiet li saru lill-perit in eskussjoni, huma fis-sens li go Wied Blandun hemm diversi tipi ta' sigar imhawwla u li d-Dipartiment tal-Agrikoltura tul is-snin kien ihawwel sigar skont x'ikun disponibbli fiz-zmien meta thawwlu. Mir-ritratti jirrizultalu li fis-sena 1978 gia kien hemm sigar imhawwla, izda mir-ritratti tal-1988 kienu juru bic-car li in-numru ta' sigar zdiedu. Mistoqsi ulterjorment jekk is-sigar ma zdidux fin-numru izda saru aktar folti, filwaqt li l-perit jikkoncedi li s-sigar kibru u saru aktar folti minn kif kienu fis-snin ta' qabel, ma jeskludix li thawwlu sigar ohra matul iz-zmien. L-art mertu tal-kawza tifforma parti minn Wied Blandun u hi fil-fatt il-parti gholja. Il-perit Ellul Vincenti kkonferma li l-valuri moghtija minnu ma jinkludux il-feles tal-art li ntuzat ghall-formazzjoni ta' Triq Kampanella, li jaqbel li hija wahda residenzjali izda mhux triq privata. Mistoqsi kif min-naha jghid li l-art setghet titqies fabbrikabbli u min-naha jghid li kellu jaghmel *assumption* li l-art hija fabbrikabbli u jekk il-fehma tieghu li l-art kienet ibbazzata fuq suppozizzjoni mhux fatti, l-perit iwiegeb li filwaqt li fl-1978 ghall-fini ta' valutazzjoni mid-Dipartiment tal-Artijiet, art li tkun fil-vicinanza ta' skema ta' bini kienet titqies bhala art fabbrikabbli, u dan sa certu distanza (ta' tnax-il qasba), però din il-*policy* maz-zmien inbidlet. Jikkonferma li l-fatt wahdu li hemm zvilupp vicin il-wied ma jaghmilx il-wied art fabbrikabbli, l-opinjoni tieghu ta' dak li jikkostitwixxi art fabbrikabbli hija bbazata fuq interpretazzjoni ta' ligi li llum m'ghadhiex fis-sehh u kien ghalhekk li nghad minnu li sabiex jasal ghall-valuri kellu jaghmel certu *assumptions.*

Rigward il-valutazzjoni maghmula minnu relattiva ghall-prezent, il-perit jispjega li ma ghamel ebda uzu minn ezercizzju paragunabbli, peress li jghid li huwa ftit difficli biex tikkumparaha ma' art ohra fis-suq illum. L-Indici tal-Ufficcju Nazzjonali tal-Istatistika ma jaghtikx il-valur ta' l-artijiet fid-diversi lokalitajiet, izda huwa biss *a nationwide average of house prices*, jaghtik ideja tat-*trend* ta' kif sejrin il-prezzijiet tal-bini u/jew art fi zmien partikolari u thalli f'idejn min qieghed jaghmel l-istima tal-valur ta' l-art sabiex juza l-esperjenza tieghu halli jasal ghall-prezz gust u xieraq. Permezz ta'

dawn l-indici huwa seta' johrog il-prezzijiet ghas-snin ta' qabel. Jaqbel li l-istimi mhejjija minnu huma kwistjoni ta' opinjoni personali u ghalhekk soggettivi. Huwa ma rax kuntratti dwar kemm kienet tinbiegh art f'dawk l-inhawi fl-1973, fl-2005 jew illum u lanqas ma ghamel verifiki ma' agenziji ta' proprjetà li huma nvoluti fil-bejgh t'art f'Rahal Gdid.

Mistoqsi dwar il-ligi vigenti li tikkunsidra l-uzu tal-art skont dak li jista' jsir bil-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar, il-perit iwiegeb li jiddependi miz-zmien u r-regoli vigenti li jkunu in vigore meta ssir il-valutazzjoni. Il-perit jispjega li **l-art in kwistjoni ma kenitx taqa' f'zona ta' zvilupp izda peress li kienet vicina hafna ta' art inkluza fi skema ta' bini, f'xi zmien kienet titqies ghal skop ta' valutazzjoni bhala art fabbrikabbli. Jikkonferma li minn imkien ma rrizultalu li l-art mertu tal-kawza tinsab f'zona ta' zvilupp.** Hekk ukoll jaqbel li wara li saru l-emendi fil-ligi, art m'ghadhiex tigi valutata mill-Awtorità tal-Artijiet a bazi ta' jekk art hix fabbrikabbli jew le, izda llum-il gurnata l-Awtorità tal-Artijiet tivvaluta art ghall-esproprjazzjoni skont jekk taqax f'zona ta' zvilupp jew le.

Konsegwenti ghall-inkarigu ulterjuri moghti lill-perit tekniku, giet ipprezentata relazzjoni addizzjonali, wara li huwa ntalab jaghmel stima tal-art mertu tal-kawza bhala wahda li mhix fabbrikabbli skont is-snin 1973, 2005 u 2019/2020. Il-perit ippremetta li l-art in kwistjoni hija fil-maggoranza taghha art agrikola baghli u parti zghira tifforma parti mit-Triq Kampanella. Ikkunsidra li l-art mertu tal-kawza tifforma parti minn Wied Blandun u filwaqt li l-parti stradali hija ta' circa 645 metru kwadru u l-parti li llum hija barra mill-iskema tal-bini fiha kejl ta' 3,478 metru kwadru (3.09 tumoli). Din l-art ghandha faccata twila fuq triq ezistenti u ghalhek tgawdi access tajjeb ghat-triq. Ghalkemm din l-art fiz-zmien kienet imtarrga u kull livell kien imdawwar bil-hitan tas-sejjieh, illum din l-art hija mirduma f'forma ta' *glacis.* Minn informazzjoni li l-perit gabar min-nies li qeghdin fil-mestier tal-bejgh ta' art agrikoli, huwa wasal ghall-konkluzjoni li l-art illum iggib fis-suq is-somma ta' €25,000 it-tomna, ghalhekk il-valur totali ta' 3.09 tumoli huwa ta' €77,250. Filwaqt li l-valur tal-istess art fl-2005 kien ta' €62,000 u fis-sena 1973 kienet tal-valur ta' €26, 000. Fir-rigward tal-parti stradali ta' circa 645 metru kwadru, din l-arja tinsab "*within the building scheme*" u ghalhekk hareg stima oghla ghal din il-parti tal-art ta' €40 ghal kull metru kwadru,

cioè total ta' €25,800 fiz-zmien tal-lum, €20,615 bhala l-valur tal-istess art fis-sena 2005 u €8,853 bhala valur tal-istess art fis-sena 1973. Min-naha l-ohra jekk din l-istrippa t'art uzata ghat-triq titqies mhux fabbrikabbli, jkollha valur ta' €14,346 fiz-zmien tal-lum, €11,462 bhala l-valur tal-istess art fis-sena 2005 u €4,922 bhala valur tal-istess art fis-sena 1973.

Ir-rikorrenti esebew sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Edith Attard et v. Kummissarju tal-Artijiet**, li ggib referenza 7/2015, deciza fil-5 ta' Dicembru, 2019, fejn ghal art stradali, fil-Fgura, l-Qorti llikwidat kumpens a bazi tar-rata ta' €461.29 ghal kull metru kwadru, li hija ferm oghla mir-rata adoperata mill-perit tal-Qorti ta' €40 ghal kull metru kwadru, fejn kunsidrat dan, staqsew lill-perit in eskussjoni, kellhiex l-art formanti parti mit-Triq Kampanella titqies bhala art fabbrikabbli, però b'valur inqas li jkun aktar vicin dak tas-sentenza citata minnhom. Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza, l-perit Ellul Vincenti wiegeb li, ghalkemm l-art mehuda sabiex issir triq ma setghetx tigi zviluppata liberament, kellha fil-fatt titqies bhala art fabbrikabbli però b'valur inqas u ghalhekk irreveda r-rata ta' €40 ghal dik ta' €460 ghal kull metru kwadru limitatament ghal dik il-parti stradali, sabiex b'hekk il-valur ta' 645 metru kwadru bir-rata ta' €460, illum iggib is-somma ta' €296,700, fis-sena 2005 kienet iggib €238,116 u fis-sena 1973, il-valur taghha kien €91,627.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Trattati l-provi, jinhass opportun li jsiru numru ta' konsiderazzjonijiet qabel ma jigu ndirizzati t-talbiet tar-rikorrenti u l-eccezzjonijiet tal-intimati.

Fir-rigward tar-rikorrenti, tajjeb li jigi nnutat li l-prova regina f'dan il-kaz dwar il-kwalità tal-art in kwistjoni, huma l-kuntratti li permezz taghhom huma akkwistaw l-istess art. Permezz tal-kuntratt ta' bejgh tat-18 ta' Gunju, 1992, ir-rikorrenti kollha akkwistaw in kwantu ghal terz indiviz kull wiehed, ta' nofs indiviz ta' porzjon diviza mill-art imsejha ta' Wied Blandun, tal-kejl komplessiv ta' cirka 4,123 metru kwadru ghall-prezz ta' Lm10,000. Permezz tat-tieni kuntratt tal-1 ta' Lulju, 1992, Zoqdi Developers Limited u B.D. Limited akkwistaw ir-rimanenti nofs indiviz ta' porzjoni diviza ta' art Casal Paola, mill-art imsejjha Ta' Wied Blandun tal-kejl komplessiv ta' 3,478 metru kwadru, ghall-prezz ta' Lm16,000. F'dan l-ahhar kuntratt il-venditur Joseph Borg iddikjara li l-

faccata tal-art li giet utilizzata ghal triq pubblika baqghet beni tal-venditur u ma kenitx qeghda tinbiegh, b'dan illi x-xerrejja ghandhom dritt t'access. Inoltrè **l-venditur obbliga ruhu wkoll li jikkostitwixxi access wisa' ta' ghoxrin pied ossia 6.10metri it-tul kollu tal-art proprjetà tal-venditur kontigwa u li tigi fuq ir-rih tat-tramuntana ghall-art, f'kaz li l-art in vendita tigi nkorporata fl-iskema tal-bini.**

Dan l-ahhar kuntratt huwa l-aqwa prova li r-rikorrenti kienu ben konsapevoli tal-fatt li l-art li akkwistaw ma kenitx art inkluza fl-iskema tal-bini, kwindi ma kien hemm ebda permessi sabiex tigi zviluppata l-art in kwistjoni. Jigi osservat ukoll li l-prezz komplessiv t'akkwist fis-sena 1992, ta' Lm26,000 (ekwivalenti ghal €60,563) huwa aktar vicin l-istima tal-perit tekniku appuntat mill-Qorti ghal dik li hija art agrikola, milli dik fabbrikabbli. Il-fatt li l-art in kwistjoni hija ta' natura agrikola ma kienx determinat bil-fatt li thawwlu s-sigar, izda bil-fatt li skont l-iskemi tal-bini li laqtu s-sit in kwistjoni sa mit-28 ta' Frar, 1968, l-art l-ewwel giet klassifikata bhala art agrikola u sussegwentement baqghet taqa' 'l barra mill-iskemi tal-izvilupp. Dan qieghed jigi pprecizat ghall-fini ta' konsiderazzjonijiet ohra li ghad iridu jsiru minn din il-Qorti. Inoltrè meta r-rikorrenti akkwistaw l-art in kwistjoni, ghalkemm ma jinghad xejn fil-kuntratt fir-rigward, huma kienu ben konsapevoli tal-fatt li l-Gvern kien okkupa parti sostanzjali mill-art li huma akkwistaw (ara f'dan is-sens ix-xhieda tal-Perit Joseph Briffa u ta' Andrew Agius). Dan il-punt qieghed jigi pprecizat peress li f'kaz ta' sejbien ta' ksur tad-drittijiet fundamentali, l-principju tar-*restitutio in integrum* jesigi li d-danneggjat jitpogga lura fl-istat ekonomiku li kien fih qabel l-att li naqqas il-patrimonju tieghu, u mhux li jibbenefika minn awment patrimonjali proprju minhabba u b'effett tal-istess att dannuz. Huwa ghalhekk eskluz li, ghall-fini tal-proceduri odjerni, sidien esproprjati jitqeghdu f'pozizzjoni ahjar minn dik li kienu fiha fiz-zmien tal-esproprju, appuntu minhabba l-istess esproprju.

Punt iehor ta' rilevanza huwa li, ghalkemm il-Gvern hekk kif rapprezentat mill-intimati, fl-eccezzjonijiet taghhom jichdu li huma effettivament okkupaw l-art in kwistjoni, din il-Qorti tinsab konvinta li fl-ewwel lok, l-intenzjoni tal-Gvern kienet li parti konsiderevoli minn din l-art tigi esproprjata, kif rizultanti mill-ittri tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet tal-21 ta' Frar, 1973 u tat-23 t'April, 1991, kif ukoll mill-pjanti hemm annessi. F'dan is-sens relevanti wkoll huma l-pjanti a. fol. 118 tal-process fejn il-parti

kkulurita bl-isfar li hija bordurata bil-blu li taqa' fis-sit tar-rikorrenti hekk kif indikat bl-ahmar, kif ukoll il-pjanta Dok. A1 a fol. 270 tal-process bis-superimposizzjoni imwettqa mir-rapprezentanti tal-Awtorità tal-Artijiet, li jindikaw bic-car dik il-parti tal-art tar-rikorrenti li kienet saret talba fuqha ghall-esproprjazzjoni kemm fis-sena 1973, kif ukoll fis-sena 1991, sabiex ikun jista' jsir il-*glacis* li fl-ahhar mill-ahhar huwa forma ta' *retaining wall* ghat-triq li giet mibnija li kienet tinsab f'livell ferm oghla mill-eghlieqi tal-madwar. Kif kostatat mill-perit tekniku nkarigat minn din il-Qorti, l-aqwa prova li l-Gvern effettivament intervjena fuq l-art in kwistjoni, billi ntefa r-radam sabiex jigi ffurmat l-*glacis* u nzerghu s-sigar sabiex l-gheruq taghhom iservu sabiex jorbtu, huma r-ritratti mill-ajru esebiti mir-rapprezentant tal-Awtorità ghall-Ippjanar. Filwaqt li mir-ritratt tas-sena 1967 (Dok. OM1 a fol. 203) jirrizulta car li l-art in kwistjoni kienet tikkonsisti f'eghlieqi mtarrga mdawwra bil-hitan tas-sejjieh, mentri mir-ritratti tas-sena 1978 'il quddiem, il-hitan tas-sejjieh ma baqghux jidhru u minflok tidher forma ta' rampa flimkien ma' numru ta' sigar, li dejjem baqghu jikbru u jizdiedu.

Kwindi din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li intervent fuq l-art mill-Gvern sar u dan in konnessjoni mal-progett tal-bini tat-triq Vjal it-28 t'April. Isegwi li tabilhaqq kellhom isiru proceduri t'esproprjazzjoni sabiex il-Gvern ikun jista' jidhol u jintervjeni fuq l-imsemmija art. Madankollu, ladarba huwa l-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet li huwa kompetenti li jiddetermina l-kumpens dovut ghal art okkupata mill-Gvern, f'kaz ta' divergenza t'opinjoni bejn il-kontendenti fil-kawza dwar il-valur tal-art esproprjata u dan a bazi ta' kriterji ta' valutazzjoni specifici, din il-Qorti tqis li kwalunkwè analizi dwar in-natura tal-art ghall-fini ta' valutazzjoni bhala kumpens ghall-esproprju, ghandha tibqa' mpregudikata u tithalla f'idejn il-Bord kompetenti.

L-ahhar punt li jitqies xieraq li jigi trattat huwa l-art li ntuzat ghall-formazzjoni tat-Triq Kampanella. Din il-Qorti wara li qieset ix-xhieda tal-perit Alfred Briffa, (nkluz id-dokument esebit minnu bhala Dok. AB 1 a fol. 173 tal-process), ix-xhieda tal-perit Ray Farrugia (u Dok. RF 3 a fol. 151 tal-process), kif ukoll ix-xhieda ta' Jeffrey Formosa u s-sentenza esebita in atti (Dok. B2 a fol. 459 tal-process) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 t'Ottubru, 2018, fil-kawza fl-ismijiet **J.E.M. Investments Limited v. Kummissarju tal-Artijiet,** li kienet in parti titratta l-istess art, din il-Qorti tinsab sodisfatta li Triq Kampanella hija essenzjalment triq residenzjali

li giet zviluppata mis-sidien tad-djar li jaghtu ghal fuq l-istess art u li ghalhekk, bhala principju generali, ma kien hemm ebda htiega li l-Gvern jesproprja l-art in kwistjoni.

Originarjament il-materja tat-toroq kienet regolata bil-provvedimenti tal-Artikolu 20 tal-Kodici tal-Pulizija (Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta) li kien *inter alia* jipprovdi:

> "(1) **Kull triq ġdida f'post abitat kif ukoll kull triq maghmula biex taghmel sehem minn post abitat li 'l quddiem jista' jinbena, ghandha tkun mill-inqas tmien metri wiesgha:**
>
> Izda d-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi jista' jordna li kull triq bhal din ghandha tkun ta' wisa' izjed minn tmien metri imma mhux izjed minn tmintax-il metru.
> …
>
> (7) Id-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi jista' f'kull żmien, jagħmel jew jara li ssir jew jippermetti li ssir f'kull jew taħt kull triq li ma tkunx proprjetà tal-Gvern, kull xorta ta' xogħol illi huwa jidhirlu meħtieġ jew utli fl-interess pubbliku;
>
> (8) Kull triq ġdida li ma tkunx proprjetà tal-Gvern għandha tiġi mwittija u miksija kif imiss u magħmula b'mod li tkun tajba għas-sewqan tal-ilma, mill-persuna li tkun fetħet it-triq, skont l-ordnijiet tad-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi u b'mod li jkun jogħġob lilu…
>
> (9) (i) Kull triq għandha tinżamm, mill-persuna li tkun fetħitha, fi stat tajjeb ta' tiswija b'mod li joghgob id-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi.
>
> (ii) **Is-sidien ta' kull proprjetà li tmiss direttament ma' triq li ma tkunx proprjetà tal-Gvern jew il-persuni li jkollhom din il-proprjetà b'enfitwesi, jitqiesu li huma l-persuni li fetħu dik it-triq u li huma s-sidien tagħha**:"

Dawn il-provvedimenti kollha gew riprodotti fl-Avviz Legali 29 tas-sena 2010 (Regolamenti dwar Toroq Godda u Xoghlijiet f'Toroq), sabiex dawk il-mansjonijiet li qabel kienu jghajtu lid-Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici, imbaghad saru jghajtu lill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta. B'dan illi wiehed isib provvedimenti tal-ligi ekwivalenti, issa maghrufa bhala regolamenti 13 u 16 taht it-Taqsima III ta' Toroq f'Postijiet Abitati u regolamenti 19 sa 22 taht it-Taqsima IV ta' Toroq Privati fil-Legislazzjoni Sussidjarja 499.57. Ladarba l-art formanti parti minn Triq Kampanella ma kenitx iffurmata mill-Gvern, li wettaq l-asfaltar wara li sehh l-izvilupp privat, kif wara kollox taghtih is-setgha l-ligi, ma kienx hemm lok li jsir l-esproprju, ghaliex kienet zviluppata mill-privat.

Skont il-provvedimenti tal-ligi hawn qabel citati, min jizviluppa l-proprjetà tieghu huwa obbligat li jifforma t-triq skont il-livelli moghtija lilu mill-awtorità kompetenti wara li jakkwista l-art fronteggjanti l-proprjetà tieghu sal-wisa' li tipprovdi l-ligi. Ebda proceduri t'esproprju jew ta' kumpens ma huma mehtiega, f'toroq simili almenu sal-wisa' li tipprovdi l-ligi. Sa fejn jolqot l-izvilupp privat li sar, dahlu fis-sehh bejn is-sidien, il-provvedimenti tal-Artikolu 20 tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan is-sens kienet is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta, tal-11 ta' Frar, 2011, fil-kawza fl-ismijiet **St. George's Bay Hotel Limited v. Kummissarju tal-Artijiet,** fejn inghad hekk:

> "Fil-kawża odjerna, il-biċċiet tal-artijiet li jifformaw parti mit-toroq meritu ta' din il-kawza huma privati peress li huma mibnija fuq art privata u mibnija mill-privat stess. Għaldaqstant, minkejja l-bankina u t-twessiegħ tat-triq li sar mill-Gvern fi Triq Santu Wistin u l-użu ta' Triq in-Nemes mill-pubbliku, dawn xorta baqgħu privati għaliex skond l-insenjament tal-Qrati tagħna, dan ma jirrendihomx pubbliċi. Fil-fatt hawnhekk huwa utli illi jingħad illi ukoll illi f'dawn it-Toroq, il-Gvern ma wettaq ebda żvilupp u l-uniku żvilupp li sar huwa wieħed privat. Kull ma ghamel il-Gvern li ta l-asfalt lit-toroq in kwestjoni.
>
> Għaldaqstant peress li huwa l-obbligu tal-iżviluppatur illi jiftaħ nofs it-triq quddiem il-proprjeta tiegħu, l-istess zviluppatur m'għandux dritt li jigi kumpensat mill-Gvern. Inoltre, dan mhux każ ta' art meħtieġa għal skop pubbliku li trid tiġi akkwistata mill-privat skond il-Kap 88 (Akkwist ta' Artijiet għal Skop Pubbliku). L-artijiet mertu tal-kawża qatt ma jistghu jitqiesu li saru propjeta' tal-Gvern, iżda baqgħu tal-privat.
> Konsegwentement mhux necessarju li fir-rigward tal-artijiet tas-socjeta attrici li fuqhom gew iffurmati Triq in-Nemes u Triq Santu Wistin tigi pubblikata d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta fis-sens li l-istess artijiet huma meħtieġa għal skop pubbliku u lanqas ma ghandu jinghata xi kumpens lis-socjeta' attrici. …meta l-iżviluppatur ifforma t-triqat in kwstjoni huwa sempliċiment wettaq l-obbligu tiegħu skond il-"il-planning scheme" li jifforma nofs il-wisa' tat-triq li tiffronta l-proprjetà li tkun ser tigi zviluppata. Dan kellu jsir bilfors għal żewġ raġunijiet, biex jkun hemm access ghall-proprjetà li giet zviluppata fuq art li taffronta proprjetà tas-socjeta' attrici, u biex fl-istess hin l-izviluppatur ta' din l-art jimxi skond il-permess tal-izvilupp. …In effett il-Gvern ma akkwistax u, skond il-ligi, m'ghandux bzonn jakkwista xi titolu fuq l-artijiet in kwestjoni appartenenti lis-socjeta' attrici."

Fl-istess sens kienet is-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 t'Ottubru, 2019, fil-kawza fl-ismijiet **Edwige Testa et v. Alan Christopher Bonnici et.** Isegwi li ma kien hemm l-ebda htiega li l-art formanti Triq il-Kampanella tigi esproprjata sabiex l-awtoritajiet jaghmlu x-xoghlijiet f'din it-triq proprju ghaliex il-formazzjoni sa nofs it-triq kienet tispetta lis-sidien. Kunsidrat li l-izvilupp privat sehh fis-snin sebghin u r-rikorrenti

xtraw din l-art fis-sena 1992, il-predecessuri fit-titolu tar-rikorrenti kellhom dritt t'azzjoni kontra dawk is-sidien li fethu t-triq. Izda jista' jkun hemm cirkostanzi fejn it-triq tkun wahda pjuttost wiesgha, fejn ikun hemm lok ghal kumpens da parti tal-awtoritajiet ikkoncernati, ta' dawk il-partijiet mit-triq li jeccedu l-wisa' mahsuba fil-ligi. Fil-fatt fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-15 t'Ottubru, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Paul Borg et v. Kummissarju tal-Artijiet et**, inghad:

> "Il-Qorti tosserva li in propositu hija legalment valida l-oservazzjoni maghmula mill-konvenuti fin-Nota taghhom fis-sens li l-kumpens kien kunsidrat dovut u mhallas ghall-ispazju li jeccedi t-tletin pied…"

Dan jinsab rifless ukoll fil-ktejjeb li kien inhareg mid-Dipartiment tax-Xoghlijiet f'Jannar 1988, fejn jirrizulta car li kull triq gdida li ma tkunx proprjetà tal-Gvern ghall-fini tal-hlas ta' kontribuzzjoni, kellha tigi kalkulata nofs il-wisa' tat-triq sa tletin pied (jew 9.14 metri) f'kaz li tkun faccata *green area,* bhal ma hija Triq Kampanella. (Dan kif jirrizulta mid-dokumenti a fol. 376, 377, 379 u 383 -Case C). Kwindi f'dan il-kaz, ladarba skont ix-xhieda tal-perit Farrugia u kif jirrizulta minn Dok. RF 1 u Dok RF3, il-wisa' ta' Triq Kampanella huwa dak ta' erbghin pied, jigifieri ghaxar piedi in eccess tat-tletin pied hawn qabel imsemmija, dan ifisser li r-rikorrenti ghandhom jigu kkumpensati mill-intimati, ghas-sehem taghhom ta' nofs indiviz fil-kaz tal-parti sradali, ghall-wisa' ta' ghaxar piedi (ekwivalenti ghal 3.05 metri) ghat-tul tal-faccata kollha tal-art tar-rikorrenti (103.63 metri skont kif jirrizulta mill-kuntratt t'akkwist), jigifieri 316.07m$^2$ (103.63x3.05).

**Nuqqas ta' uzu tar-rimedji ordinarji**

L-intimati kollha jistiednu lil din il-Qorti sabiex ma tinqediex bis-setghat kostituzzjonali taghha u dan kif jipprovdi l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni fejn jinghad:

> "Izda l-Qorti tista', jekk tqis li tkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huwa jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra."

L-istess huwa provdut fil-proviso ghall-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta bl-uniku differenza fil-kliem uzat u cioe li l-ligi imsemmija hija dik kwalifikata bhala "ordinarja".

Ghal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-eccezzjoni in ezami, ghandu jinghad li meta l-intimati qeghdin jghidu li r-rikorrenti naqsu peress li ma ezawrewx ir-rimedju ordinarju disponibbli ghalihom, din kienet stedina lil Qorti sabiex hija tiddeklina milli tezercita l-poteri Kostituzzjonali jew Konvenzjonali taghha u ma tiddecidix il-kawza, ladarba r-rikorrenti kellhom rimedju iehor taht il-ligi ordinarja li ghadu ma giex ezawrit. L-ezistenza, jew in-nuqqas ta' rimedju disponibbli ghal min iressaq l-azzjoni tal-allegat ksur ta' dritt fundamentali taht il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni, ghandha tirrizulta bhala stat ta' fatt. Ghalhekk ghalkemm id-diskrezzjoni mhollija f'idejn il-Qorti dwar jekk ghandhix tezercita l-poter taghha jew le, ladarba ikun meqjus li hu hekk ideali li taghmel, minhabba li jezisti rimedju iehor, hija wahda wiesgha, tali decizjoni ghandha tittiehed a bazi ta' tali stat ta' fatt. Tant hu hekk, li din id-diskrezzjoni wiesgha tal-Qorti hija suggett ghall-fatt li f'kaz biss li jirrizulta tali rimedju iehor effettiv, illi din il-Qorti tista' taghzel twarrabx il-poter taghha li tisma' l-kaz jew le. Huwa pacifikament ritenut illi persuni li jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom ma jistghux jippretendu li jircievu rimedju minn qrati muniti b'gurisdizzjoni kostituzzjonali, meta jirrizulta li jkun hemm rimedji ordinarji adegwati taht ir-regim ordinarju li ghandhom il-kapacita li jsewwu s-sitwazzjoni taghhom.

Il-principji regolatorji in materja, gew elenkati mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Ryan Briffa v Avukat Generali** deciza fl-14 ta' Marzu, 2014, fejn filwaqt li ghamlet referenza ghall-gurisprudenza estensiva fir-rigward, gew enuncjati s-segwenti linji gwida:

" 1. L-eżistenza tar-rimedju l-ieħor għandha tirriżulta bħala stat ta' fatt attwali u objettiv;
2. Ir-rimedju jrid ikun aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur lamentat;
3. Biex ir-rimedju jitqies effettiv m'hemmx għalfejn li jintwera li r-rimedju se jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, imma jkun biżżejjed li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi;
4. Id-diskrezzjoni li għandha l-Qorti f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja sabiex min-naha waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfaċċjati b'kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jfittxu rimedji oħrajn effettivi, u min-naħa l-oħra sabiex persuna ma tkunx imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni;
5. In-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali tiddeċiedi li ma tużax is-setgħat

tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kienux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent;
6. Iżda meta jidher ċar li jeżistu meżż ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali."

Stabbiliti dawn il-parametri gurisprudenzjali, jsegwi li l-Qorti trid tezamina jekk fil-fattispecie tal-kaz odjern, ir-rikorrenti kellhomx a dispozizzjoni taghhom rimedji ordinarji li kienu accessibbli, xierqa, effettivi u effikaci ghall-lanjanzi mressqa minnhom. Uhud mill-intimati jaghmlu referenza ghall-artikolu 1078 (b) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) bhala procedura li setghet tigi adoperata mir-rikorrenti.

Izda din il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti jmorru lil hinn mill-ordni li jsiru l-proceduri t'espropriazzjoni fi zmien qasir u perentorju li setghu jigu ndirizzati bl-applikazzjoni tal-azzjoni kkontemplata fl-1078 (b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u li dan il-provvediment tal-ligi ma joffrix rimedju effettiv biex jindirizza l-ilmenti kostituzzjonali u konvenzjonali f'din il-kawza. Kwindi jispetta lil din il-Qorti fil-gurisdizzjoni originali taghha, sabiex tiddetermina jekk l-agir tal-Gvern, hekk kif rapprezentat mill-awtoritajiet diversi f'din il-kawza, kienx lesiv tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. L-ilmenti tar-rikorrenti kif inghad qabel, jitrattaw ukoll ilmenti dwar (i) lezjoni tad-dritt tat-tgawdija tal-possedimenti taghha, u (ii) lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq, kemm minhabba n-nuqqas t'access gudizzjarju sabiex tikkontesta l-proceduri ta' esproprju, kif ukoll id-dewmien sabiex jithallsu l-kumpens dovut lilhom. Dawn it-tip ta' ilmenti, nkluz ir-rimedju mitlub ta' danni non pekunarji minhabba l-allegata lezjoni sofferta minnhom a tenur tal-artikolu 1 tal-Protokoll 1 u artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea certament ma jistghux jigu ndirizzati mill-Qorti vestita bil-gurisdizzjoni civili.

L-Awtorità tal-Artijiet tissottometti fin-nota taghha li jezisti rimedju ordinarju taht il-Kap. 573 quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet. Tabilhaqq jigi nnutat li, fil-mori tal-proceduri sehhew emendi legislattivi li jistghu jindirizzaw parti mill-ilmenti tar-rikorrenti. Permezz tal-Att XVII tas-sena 2017, diversi ligijiet relatati mal-ufficcju tal-Kummissarju tal-Artijiet gew imhassra, inkluz l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici, u minflok dahal fis-sehh l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573). L-Artikolu 67 tal-Kap. 573, jipprovdi li sid art okkupata minn awtorità

kompetenti minghajr ma tkun inharget l-ebda dikjarazzjoni, jista' jitlob li dik l-art tigi akkwistata b'xiri assolut mill-awtorità, jew inkella biex dik l-art tigi mrodda lura hielsa u franka minn kull okkupazzjoni. Hekk ukoll l-Artikolu 58 (1)(g) jipprovdi li l-Bord tal-Arbitragg jista' jillikwida u jaghti kemm danni materjali, kif ukoll morali.

Fil-verità hija l-fehma ta' din il-Qorti li ghandu jkun il-Bord, li huwa wkoll kompost minn periti membri li ghandu effettivament ikun il-forum li fih jigi dibattut il-kumpens attwalment dovut ghat-tehid tal-art tar-rikorrenti, inkluz l-imghax li jista' jkun dovut ghaz-zmien li r-rikorrenti bhala sidien baqghu imcahhda mill-istess art. Isegwi li l-kwistjoni tal-valutazzjoni tal-art u l-kumpens dovut ghall-art okkupata mill-Gvern ser jithallew impregudikati. Izda jibqa' l-fatt li kif osservat mill-istess rikorrenti, li fil-mument li huma ntavolaw ir-rikors promotur taghhom, tali rimedju ma kienx disponibbli ghalihom. Fi kwalunkwè kaz, din il-Qorti ma tqisx li jkun f'postu li tiddeklina li tezercita l-poteri konvenzjonali taghha, sabiex tinvesti l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

**Legittimi kontradditturi**

Filwaqt li l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta u l-imsejjah fil-kawza Direttur Generali tax-Xoghlijiet ressqu eccezzjoni formali li mhumiex il-legittimi kontradditturi ghall-ilmenti tar-rikorrenti, l-Kummissarju tal-Artijiet jghid li huwa mhux l-awtorità li tiddeciedi fejn jitwettqu l-progetti u lanqas ircieva talba ghall-esproprju tal-art in kwistjoni. Wara li din il-Qorti ezaminat il-provi in atti, tqis li l-intimati kollha huma legittimi kontradditturi ghall-pretensjonijiet tar-rikorrenti.

Dan jinghad peress li l-progett li twettaq mill-Gvern kien jikkonsisti kemm fil-bini tat-triq li tghaqqad Ghajn Dwieli mal-Fgura, zvilupp ta' *green area* bejn it-triq u l-wied, kif ukoll li jigi ffurmat *glacis* u belvedere, progett li kif jirrizulta ampjament mid-dokumenti esebiti in atti, kien wiehed progettat u imwettaq fil-parti l-kbira, mid-Dipartiment tax-Xoghlijiet, kwindi l-imsejjah fil-kawza jitqies li huwa legittimu kontradittur. Fil-fatt kemm id-Dipartiment tax-Xoghlijiet, kif ukoll id-Direttur tat-Toroq kienu qeghdin jiktbu lill-Kummissarju tal-Artijiet sabiex jipprocedi bl-esproprju mitlub sa mis-sena 1973 (ara dokumenti esebiti bhala RF (A1), RF (A3), RF (A5), RF (A7)), liema talba kienet tinkludi parti sostanzjali mill-art tar-rikorrenti.

Ghal xi zmien, id-Dipartiment tat-Toroq kien jifforma parti mid-Dipartiment tax-Xoghlijiet, izda sussegwentement giet iffurmata Awtorità. Minn qari tal-ligi, il-Kap. 499 li jirregola l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, huwa al kwantu ovvju li l-intenzjoni tal-legislatur kien li din l-Awtorità tassumi l-obbligi u r-responsabiltajiet kollha li kienu precedentement jaqghu fi hdan il-Gvern, ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-toroq, fost affarijiet ohra (ara l-Artikoli 36-38 tal-Kap. 499). Meqjusa l-konsiderazzjonijiet maghmula qabel fir-rigward ta' Triq Kampanella u kunsidrat ukoll li l-*glacis* li jinsab fuq l-art tar-rikorrenti jservi l-iskop ta' *retaining wall* ghat-triq li tinsab f'livell oghla, din il-Qorti ma tarax li l-eccezzjoni tal-Awtorità ghandha tintlaqa'.

In kwantu ghall-Kummissarju tal-Artijiet, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-fatt li d-Dipartiment tax-Xoghlijiet kien ilu sa mis-sena 1973, jitlob li jinbdew il-proceduri tal-esproprjazzjoni, li ghal xi raguni li mhix cara, l-Kummissarju tal-Artijiet naqas ghal zmien twil milli jsegwi, bir-rizultat li fil-kaz tar-rikorrenti, wassal ghas-sitwazzjoni fejn parti sostanzjali mill-art tar-rikorrenti tinsab okkupata, minghajr lanqas biss inbdew il-proceduri tal-esproprjazzjoni, wisq inqas gew ikkumpensati, xxejjen ghal kollox l-eccezzjoni tal-Kummissarju li ma rcieva ebda talba ghall-esproprju. Huwa minnu li fl-2003, il-Kummissarju tal-Artijiet gie infurmat li l-art in kwistjoni ma gietx utilizzata, izda dan ukoll jinsab kontradett mill-assjem tal-provi kif spjegat qabel. Isegwi li ghalkemm il-Kummissarju tal-Artijiet mhuwiex l-awtorità li tiddeciedi fejn jitwettqu l-progetti, madankollu jirrizulta li minkejja li rcieva talba ghall-esproprju tal-art in kwistjoni, baqa' m'ghamel xejn. Dan in-nuqqas tal-Kummissarju li jagixxi fil-mument propizju wkoll wassal ghal dawn il-proceduri. Ghalhekk jitqies opportun li l-Kummissarju wkoll iwiegeb ghal dan in-nuqqas tieghu. Isegwi li din l-eccezzjoni ma tistax tintlaqa'.

**Prova tat-titolu**

L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta ressqet ukoll eccezzjoni fis-sens li r-rikorrenti jridu jgibu prova li huma tassew ghandhom titolu fuq l-art in kwistjoni u li l-art tassew ittiehdetilhom.

Ir-rikorrenti esebew kopji tal-kuntratti tal-akkwist, fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar, kif spjegat qabel. Kemm il-perit Alfred Briffa, kif ukoll Andrew Agius, ghan-nom tas-socjetajiet rikorrenti B.D. Limited u Zoqdi Limited, xehdu kif din l-art giet f'idejhom, liema provi ma gew kontradetti bl-ebda mod.

Kif inghad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Robert Galea v. Avukat Ġenerali et**, deciza fis-7 ta' Frar, 2017:

> "Illi biex wieħed ikun f`qagħda li juri li ġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni m`għandux għalfejn jipprova titolu assolut u lanqas wieħed oriġinali bħallikieku l-azzjoni dwar ksur ta` jedd fundamentali kienet waħda ta` rivendika." (Kost. 27.3.2015 : **Ian Peter Ellis et vs Avukat Ġenerali et)**. Huwa biżżejjed, għall-finijiet ta` dak l-artikolu, li wieħed juri li għandu jedd fil-ħaġa li tkun li bih jista` jieqaf għall-pretensjonijiet ta` ħaddieħor. Imbagħad, għall-finijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, huwa biżżejjed li l-persuna turi li kellha l-pussess tal-ħaġa li tkun."

Applikat dan il-principju ghall-kaz in ezami, din il-Qorti ma tqisx li hija ghandha tistharreg din l-eccezzjoni ulterjorment.

**Kompetenza**

L-Awtorità ghat-Trasport tressaq eccezzjoni wkoll fis-sens li t-talbiwt tar-rikorrenti jeccedu l-kompetenza ta' din il-Qorti. Lanqas din l-eccezzjoni ma tista' tintlaqa' peress li kif spjegat qabel, jispetta lil din il-Qorti tevalwa l-ilmenti tar-rikorrenti ta' natura kostituzzjonali.

**Allegat ksur tal-Jedd ta' Proprjetà taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**

Ir-rikorrenti jilmentaw li l-art taghhom giet okkupata mill-Gvern ta' Malta snin ilu, in parti sabiex titwessgha Triq Kampanella u in parti sabiex isir gnien, fejn thawwlu diversi sigar u li sal-lum huma ghadhom ma rcevew l-ebda forma ta' kumpens ghal din l-okkupazzjoni u lanqas ma saru l-proceduri t'esproprju.

L-Artikolu 37 (1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi hekk:

> "(1) Ebda proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b'mod obbligatorju, u ebda interess fi jew dritt fuq proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b'mod obbligatorju, hlief meta

> hemm dispozizzjoni ta' ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist –
> (a) ghall-hlas ta' kumpens xieraq;
> (b) li tizgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' access lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi sabiex jigi deciz l-interess taghha fi jew dritt fuq il-proprjeta` u l-ammont ta' kull kumpens li ghalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb hlas ta' dak il-kumpens; u
> (c) li tizgura lil kull parti fi proceduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bhal dik dritt ta' appell mid-decizjoni taghha lill-Qorti ta' l-Appell f'Malta".

Ghalhekk biex ikun hemm lezjoni tal-Artikolu 37(1) hemm bzonn li jikkonkorru tliet rekwiziti (i) it-tehid forzuz tal-proprjeta`, (ii) il-kumpens offrut irid ikun wiehed mhux xieraq u (iii) jehtieg li jkun hemm nuqqas ta' access lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali sabiex jigi determinat u miksub kumpens xieraq, u jkun hemm nuqqas ta' dritt ta' appell.

M'hemmx dubju li bit-tehid tal-art mill-Gvern, il-predecessur fit-titolu tar-rikorrenti gew imcahhda mill-possediment tal-art taghhom. Ghalkemm ir-rikorrenti kienu konxji dwar il-fatt li l-Gvern kien dahal u qieghed jokkupa tal-art akkwistata minnhom, jibqa' l-fatt li r-rikorrenti ilhom imcahhda mill-possediment taghhom sa minn meta akkwistaw l-art fis-sena 1992. F'dan il-kaz, l-art in kwistjoni, ma ttiehditx fil-qafas tal-ligi li titratta l-esproprju, ma kien hemm ebda Dikjarazzjoni Presidenzjali u wisq inqas avviz ta' ftehim kif kien mahsub taht l-Ordinanza dwar l-Akkwist t'Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta). It-tehid tal-art tar-rikorrenti ma sarx bi thaddim tal-provvedimenti tal-Kap. 88, f'liema kaz it-tehid tal-art kien ikun imhares bl-Artikolu 47 (9) tal-Kostituzzjoni (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-11 ta' Novembru, 2011, fil-kawza fl-ismijiet **Peter Azzopardi noe. v. Kummissarju tal-Artijiet et.**) Il-Gvern f'dan il-kaz iddecieda li, minkejja n-nuqqas tal-Kummissarju tal-Artijiet li jsegwi t-talba ghall-esproprju b'mod diligenti, baqa' ghaddej bil-progett tieghu li tghaddi t-triq bejn Ghajn Dwieli u l-Fgura, nkluz li jsir l-ilqugh ghal din it-triq li jestendi ghal fuq l-art tar-rikorrenti, bil-konsegwenza li din l-art giet okkupata minghajr biss ma ttiehdu l-proceduri t'esproprjazzjoni. Wisq inqas ir-rikorrenti rcevew xi kumpens ghall-art li ttiehdetilhom.

Kwindi certament ir-rikorrenti gew imcahhda mit-tgawdija tal-proprjetà taghhom, minghajr ma nghataw kumpens u dan sa minn meta akkwistaw l-art in kwistjoni fl-1992. Jista' jinghad ukoll li, n-nuqqas tal-Kummissarju tal-Artijiet li jniedi l-proceduri t'esproprjazzjoni, sahansitra cahhad lir-rikorrenti mill-access lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali sabiex jigi determinat kumpens xieraq dovut lilhom. Ladarba t-tehid forzuz tal-art proprjetà tar-rikorrenti sabiex jitwettaq il-progett tal-Gvern relattiv ghal Wied Blandun ma sarx a bazi ta' qafas legali, kwindi la gie offrut kumpens ghat-tehid forzat u lanqas kien hemm access ghal qorti, l-agir tal-intimati jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 37 (1) tal-Kostituzzjoni. L-istess konsiderazzjonijiet jghoddu ghat-tehid ta' dik il-parti tat-Triq Kampanella, in eccess tat-tletin pied kif spjegat qabel, u ghan-nuqqas tal-intimati li jikkumpensaw lir-rikorrenti ghas-sehem taghhom mill-art li ttiehdetilhom.

L-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi:

> "Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.
>
> Izda d-dispozizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta` skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni".

Fil-kaz in ezami ma tqajjem ebda dubju mir-rikorrenti dwar l-interess pubbliku wara x-xoghlijiet imwettqa mill-Gvern, madankollu, minn qari ta' dan il-provvediment tal-Konvenzjoni Ewropea jirrizulta, li ghalkemm l-Istat ghandu margin wiesgha ta' diskrezzjoni, meta l-Gvern jiehu proprjetà tal-privat ghal skop pubbliku, irid jara li jinholoq bilanc bejn l-interessi generali tal-Istat u l-interessi tal-individwu u dan billi l-individwu jithallas kumpens xieraq u adegwat. Wara kollox il-fatt li jirrizulta l-interess pubbliku mill-progett imwettaq mill-Gvern, ma jezonarax lill-Kummissarju intimat mill-obbligu li jagixxi b'diligenza u li jaqdi l-obbligi tieghu fi zmien ragonevoli li jwasslu ghall-hlas ta' kumpens dovut lir-rikorrenti. (Ara f'dan is-sens sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-31 t'Ottubru, 2014, fl-ismijiet **Igino Trapani Galea Feriol pro et noe v. Kummissarju tal-Artijiet et**)

Fis-sentenza tal-Qorti ta` Strasburgu tad-19 ta` Gunju, 2006, fil-kawza **Hutten-Czapska v. Poland**. (Appl. No. 35014/97), hemm kienu enuncjati tliet elementi li jridu jkunu prezenti sabiex titqies permissibbli l-interferenza tal-Istat fid-dritt ta' proprjetà kif sancit fil-Konvenzjoni:- i) li l-mizura li jiehu l-Istat saret f`qafas legali ; ii) li l-iskop tal-mizura kien ghal ghan legittimu u iii) li din l-mizura zammet bilanc gust u proporzjonat bejn l-iskop socjali u l-htiega li jigu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.

Kif inghad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha deciza fit-28 Dicembru, 2001, fl-ismijiet **Pawlu Cachia v. Avukat Generali**:

> "Wiehed ghandu jifhem li meta kienet originarjament promulgata l-Ordinanza Dwar it-Tehid tal-Art ghal Skop Pubbliku tramite il-procedura tal-esproprijazzjoni, il-legislatur kien mhux biss haseb ghat-tehid immedjat tal-pussess u d-disponibilita' tal-proprjeta' biex tigi utilizzata ghall-iskop li ghalih tkun giet esproprijata, imma wkoll ghal process spedit ta' likwidazzjoni ta' kumpens dovut anke bit-twaqqif ta' tribunal kwazi gudizzjarju b' kompetenza teknika in materja. Zgur li l-Ordinanza qatt ma kienet mahsuba biex ........ il-Gvern jiehu l-art, jutilizzaha ghal ghexieren ta' snin u xi darba jhallas kumpens."

Inoltrè, kif ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha, msemmija qabel, fl-ismijiet **Peter Azzopardi noe. v. Kummissarju tal-Artijiet et:**

> "B'danakollu, din il-Qorti, f'Dr David Tonna et v. Kummissarju tal-Artijiet (deċiża fit-3 ta' Marzu 2011) spjegat kif għalkemm dan l-artikolu ma jipprovdix espressament għall-kumpens il-fatt li ma jitħallasx kumpens meta ttieħdet il-proprjeta` huwa fattur determinanti għall-Qorti meta tiġi biex tiddeċiedi jekk inżammx dak il-bilanċ bejn l-interess privat u l-interess ġenerali kif mehtieg bl-Artikolu msemmi u fuq l-iskorta ta' deċizjonijiet tal-Qorti Ewropea rriteniet li fattur li jrid jittieħed in kunsiderazzjoni huwa li "compensation for loss sustained could only constitute adequate reparation where it also took into account damage arising from length of deprivation. It had moreover to be paid within a reasonable time."[1]

Il-Qorti Ewropea, fil-kawza **Amato Gauci v. Malta,** deciza fil-15 ta' Settembru, 2009, ghalkemm irrikonoxxiet li l-Istat ghandu dritt jikkontrolla l-uzu tal-proprjetà sostniet li ghandu jkun sodisfatt ir-rekwizit tal-proporzjonalità:

> *"56. Any interference with property must also satisfy the requirement of proportionality. As the Court has repeatedly stated, a fair balance must be struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights,*

[1] Guillemin vs France (1977) u Jucys v Lithuania No 5457/03 (2008)

> *the search for such a fair balance being inherent in the whole of the Convention. The requisite balance will not be struck where the person concerned bears an individual and excessive burden (see Sporrong and Lönnroth cited above, §§ 69-74, and Brumărescu v. Romania [GC], no. 28342/95, § 78, ECHR 1999-VII).*
>
> *"57. The concern to achieve this balance is reflected in the structure of Article 1 of Protocol No. 1 as a whole. In each case involving an alleged violation of that Article the Court must therefore ascertain whether by reason of the State's interference the person concerned had to bear a disproportionate and excessive burden (see James and Others, cited above, § 50; Mellacher and Others, cited above, § 48, and Spadea and Scalabrino v. Italy, judgment of 28 September 1995, § 33, Series A no. 315-B)."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, mill-provi jirrizulta ampjament ippruvat li l-intimati ma mxewx bil-ghaqal mistenni minnhom biex jaraw li dan il-process t'esproprju jigi konkluz fi zmien qasir u ragonevoli. Anzi biex tkompli tgharraq is-sitwazzjoni, fil-kaz prezenti, l-art tar-rikorrenti baqghet ma gietx formalment esproprjata, nonostante li l-Gvern dahal fiha u ghamel uzu minnha. Meta wiehed jikkonsidra t-trapass taz-zmien minn l-1992, meta s-sidien akkwistaw l-art in kwistjoni, u tul dawn is-snin kollha fejn baqghu spussessati mill-proprjetà taghhom, minghajr ma ghadu nghata bidu ghall-process t'esproprjazzjoni ghall-art li ttiehdet ghall-beneficcju tal-Gvern, sabiex eventwalment is-sidien jigu kkumpensati, fil-fatt jitfa' piz eccessiv u sproporzjonat fuq ir-rikorrenti, fis-sens tal-artikolu Konvenzjonali.

Ghalhekk il-Qorti tirriskontra zewg nuqqasijiet principali fl-agir tal-intimati f'dan il-kaz, peress li apparti li jonqos il-qafas legali, sahansitra l-element ta' proporzjonalità, kif mitlub mill-Konvenzjoni, huwa nieqes. Dan jinghad senjatament b'referenza ghal zewg cirkostanzi: (i) il-process t'esproprju li kellu jitmexxa mill-Kummissarju intimat fi zmien ragonevoli fir-rigward tal-art okkupata bil-*glacis* u s-sigar, sabiex jintlahaq il-bilanc mehtieg bejn l-interessi tas-socjetà u d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghat-tgawdija pacifika tal-proprjetà taghhom. M'ghandu jkun hemm l-ebda dubju li l-agir tal-Kummissarju intimat certament ma lahaqx il-bilanc mehtieg meta wiehed jikkunsidra z-zmien esagerat bejn meta ttiehdet il-proprjetà u li effettivament ghad irid jigi mniedi l-process ta' esproprju sabiex jigi determinat il-kumpens li ghandhom jithallsu r-rikorrenti ghall-art taghhom li tinsab mghottija bir-radam u l-glacis u mizrugha bis-sigar. Huwa kellu diligentement u minghajr tnikkir jiehu dawk il-

proceduri mehtiega sabiex is-sidien jigu kkumpensati. Min-naha l-ohra, l-intimati l-ohra ma kellhomx jedd jidhlu fi proprjetà privata jekk ma kellhomx il-proceduri t'esproprjazzjoni debitament f'posthom. Inoltrè jekk il-Gvern dehrlu li ma kellux bzonn aktar l-art tar-rikorrenti, huwa kellu mhux semplicement jirrinunzja ghall-esproprju, izda f'dak il-kaz, kellu jirripristina l-art ghall-istat originali taghha, izda certament mhux accettabbli li l-Gvern jibqa' jokkupa l-art tar-rikorrenti minghajr ma jikkumpensahom ghall-okkupazzjoni llegali mwettqa minnu. Kif ukoll, (ii) id-Dipartiment tax-Xoghlijiet u wara l-Awtorità tat-Toroq, naqsu milli jibdew il-process mehtieg sabiex ir-rikorrenti jithallsu l-kumpens ghal dik il-porzjon t'art li tifforma parti minn Triq Kampanella in eccess tat-tletin pied kif spjegat qabel. Isegwi, li l-Qorti fil-kaz in ezami, tirrileva wkoll ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti, kif protetti taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

**Allegata lezjoni tad-Dritt ghal Smigh Xieraq kif sancit taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**

L-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi hekk:

> "Kull Qorti jew Awtorita` ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita` ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli".

Huwa ritenut li dan is-sub-artikolu jirreferi ghal proceduri quddiem "Qorti jew Awtorita` ohra gudikanti" li jkunu diga "mibdija" u ma jikkontemplax sitwazzjoni fejn ikun hemm dewmien f'dak li ghandhom jigu meqjusa bhala atti amministrattivi, bhal ma hu l-kaz in kwistjoni. Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **John Curmi nomine v. Il-Kummissarju tal-Artijiet et**, deciza fis-26 ta' Gunju 2009, irriteniet illi d-dewmien da parti tal-Kummissarju sabiex jibda l-proceduri:

> "… ma jgibx il-lezjoni tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni billi dan l-artikolu jipprospetta sitwazzjoni fejn il-proceduri quddiem Qorti jkunu gia` mibdija."

Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti taht dan l-artikolu ma jirrizultawx misthoqqa.

Min-naha l-ohra, l-parti relevanti ta' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jipprovdi hekk:

> "Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu …. kulhadd huwa intitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi".

Minn qari ta' dan il-provvediment tal-ligi jirrizulta li, l-kwalifika li sabiex jiskatta l-obbligu li l-proceduri jintemmu fi zmien ragonevoli, dawk il-proceduri jkunu "mibdija", kif mahsub taht il-Kostituzzjoni, ma tirrikorrix fil-kaz tal-artikolu tal-Konvenzjoni in ezami.

Kif josservaw **Van Dijk u Van Hoof**, fil-ktieb **Theory and Practice of the European Convention on Human Rights**, (Tielet Edizzjoni, pagna 418).

> *"Article 6(1) not only guarantees procedural remedies in relation to judicial proceedings, but also grants a right to judicial proceedings for the cases mentioned in this article: the right of access to court. This right has not been laid down in express terms in article 6. Its first paragraph only refers to entitlement to a fair and public hearing by a court, leaving it unclear whether this entitlement only exists where judicial proceedings have been provided under domestic law, or implies – or rather presupposes –a right to such judicial proceedings. This unclarity was lifted by the Court in its Golder judgement. (21st February, 1975). There the Court held that article 6 must be read in the light of the following two legal principles:*
> *(1) the principle whereby a civil claim must be capable of being submitted to a judge, as one of the universally recognized fundamental principles of law; and*
> *(2) the principle of international law which forbids the denial of justice".*

Dan l-istess insenjament gie adottat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tat-3 ta' Frar, 2012, fl-ismijiet **Vica Limited v. Kummissarju tal-Artijiet et**:

> "Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, biex jigi stabbilit jekk il-proceduri ghad-determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligazzjonijiet civili jkunux hadu "zmien ragjonevoli" id-data li minnha jibda' jigi komputat iz-zmien mhux necessarjament id-data li fiha jkunu nbdew il-proceduri rilevanti. Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz fuq citat, **John Curmi nomine v. Il-Kummissarju tal-Artijiet et** fil-fatt irriteniet li l-fatt li l-Kummissarju tal-Artijiet dam biex beda l-proceduri jammonta ghal vjolazzjoni ta' d-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli. "Dan id-dewmien tal-intimat milli jibda l-proceduri jivvjola l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni in kwantu jammonta ghal privazzjoni minn access ghal tribunal imparzjali u indipendenti."
>
> Naraw ukoll kif fil-kaz **Golder v. UK**[2] il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet li z-"zmien ragonevoli" jista' jibda' jiskatta anke qabel ma jinbdew il-proceduri quddiem Qorti jew tribunal. Hija spjegat li ghalkemm id-dritt ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli ovvjament japplika ghal proceduri li jkunu diga nbdew, dan ma jfissirx li dan id-dritt ghal smigh xieraq jeskludi d-dritt li tali proceduri jinbdew. *"While the right to a fair, public and expeditious judicial procedure can assuredly apply only to proceedings in being, it does*

[2] ECHR 21 ta' Frar 1975

> *not, however, necessarily follow that a right to the very institution of such proceedings is thereby excluded."* Hija rriteniet li hekk kif f'materja kriminali l-komputazzjoni taz-zmien ragonevoli jista' jiskatta anke qabel ma jindbew il-proceduri quddiem Qorti jew tribunal, "It is conceivable also that in civil matters the reasonable time may begin to run, in certain circumstances, even before the issue of the writ commencing proceedings before the court to which the plaintiff submits the dispute."

Meta din il-Qorti tadotta dawn l-insenjamenti ghall-fatti rizultanti fil-kaz in ezami, jirrizulta li, f'dan il-kaz fejn sahansitra lanqas biss inbdew il-proceduri t'esproprjazzjoni fuq l-art in kwistjoni, isegwi li r-rikorrenti ghadhom qeghdin jigu mcahhda mid-dritt taghhom li jmorru quddiem il-Bord kompetenti sabiex jigi stabbilit il-kumpens xieraq ghall-art taghhom okkupata mill-Gvern. Tenut kont li r-rikorrenti ilhom imcahhda mit-tgawdija tal-proprjetà taghhom proprju sa minn meta akkwistaw l-art in kwistjoni mis-sena 1992, u ghadhom sal-lum il-gurnata ma rcevew ebda kumpens, tirrizulta cara l-lezjoni tad-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli a tenur tal-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

**Allegata lezjoni tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea**

L-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea jaqra hekk:

> "Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga ufficjali."

F'dan il-kaz ir-rikorrenti qeghdin jitolbu lil din il-Qorti:

> "i. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-intimati kissru d-drittijiet fondamentali tal-esponenti kemm kif protetti fl-Artikolu 1 Protokol 1 tal-Kap. 319, fl-Artikolu 6 u Artikolu 13 tal-Kap. 319, fl-Artikolu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;
>
> ii. Taghti rimedju xieraq u opportun liema rimedju sabiex jigi accertat li din il-lezjoni ma tibqax issehh kompriz ordni sabiex il-process ta' esproprju jsir billi fi zmien qasir u perentorju Ii jigi prefiss, li jsir dak li hemm bzonn isir halli tohrog id-Dikjarazzjoni Presidenzjali u ssir l-intimazzjoni gudizzjarja (ga maghrufa bhala Notice to Threat (recte:Treat) ghal dan l-iskop u dan taht il-komminazzjoni ta' penali gornaliera ghas-semplici dewmien;
>
> iii. Tipprovdi li l-emendi li saru fil-Kapitolu 88 relattivi minn meta ttiehed il-pussess tal-art de quo relattivi ghad-determinazzjoni dwar l-istima tal-art, x'inhi art fabrikabbli, ghall-kalkolu ta' kumpens, capping skond il-valuri fl-1 ta' Jannar 2005, interessi u spejjez tal-kawza f'kaz Ii l-prezz offert jigi kontestat, ma jigux applikati fil-konfront tal-esponenti;

> iv. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti kumpens xieraq ghall-lezjoni, kemm ghall-hsara pekunjarja kif ukoll hsara non-penkunjara kif sancit fil-Kostituzzjoni u anke fil-Kapitolu 319 tal-Ligi ta' Malta."

Fid-decizjoni tal-Qorti Ewropea tad-9 ta` Lulju, 2013, fil-kaz ta` **Maria Theresa Deguara Caruana Gatto and Others v. Malta** (Appl. No. 14796/11):

> "*80. The Court reiterates that the remedy required by Article 13 must be "effective" in practice as well as in law (see, for example, İlhan v. Turkey [GC], no. 22277/93, § 97, ECHR 2000-VII). The term "effective" is also considered to mean that the remedy must be adequate and accessible (see Paulino Tomás v. Portugal (dec.), no. 58698/00, ECHR 2003-XIII). However, the Court also reiterates that the effectiveness of a remedy within the meaning of Article 13 does not depend on the certainty of a favourable outcome for the applicant (see Sürmeli v. Germany [GC], no. 75529/01, § 98, ECHR 2006-VII) and the mere fact that an applicant's claim fails is not in itself sufficient to render the remedy ineffective (Amann v. Switzerland, [GC], no. 27798/95, §§ 88-89, ECHR 2002-II).*

Din il-gurisprudenza tikkonferma li dak li jitlob l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni huwa li l-ligi nazzjonali taghti rimedju, fis-sens illi jekk qorti tkun imsejjha sabiex tqis jekk kienx hemm lezjoni ta' dritt fundamentali imhares mill-Konvenzjoni, u ssib li kien hemm lezjoni u allura f`dak il-kaz taghti rimedju, kif wara kollox ser taghmel din il-Qorti, ladarba l-ligi domestika toffri rimedju effettiv, ilment a bazi tal-Artikolu 13 ma jitqisx gustifikat u ser jigi michud. (Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Seaview & sons Limited v. Kummissarju tal-Artijiet** deciza fis-26 ta' Gunju, 2018.)

**Rimedji**

Fir-rikors promotur, ir-rikorrenti *inter alia* talbu bhala rimedju xieraq sabiex jigi accertat li din il-lezjoni ma tibqax issehh, ordni sabiex il-process ta' esproprju jsir fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss. Kif osservat il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tal-31 ta' Jannar, 2019, fil-kawza fl-ismijiet **Seaview & Sons Limited v. Kummissarju tal-Artijiet,** din il-Qorti ma tistax ma tordnax, bhala parti mir-rimedju, li dawk il-proceduri t'esproprju jfittxu jinbdew. Li ma taghmilx hekk, din il-Qorti tkun qeghda effettivament tippermetti li jtul fiz-zmien l-istat tal-ksur ta' dritt fundamentali. Kunsidrat ukoll it-tkaxkir tas-saqajn da parti tad-diversi entitajiet governattivi jkun ghaqli li tigi mposta penali f'kaz li huma jonqsu milli jottempraw ruhhom ma' tali ordni.

Fil-mori tal-proceduri, r-rikorrenti permezz tar-rikors taghhom tat-13 ta' Marzu, 2019, ghamlu referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tat-30 t'Ottubru, 2018, fil-kawza fl-ismijiet **Andrew Attard et v. l-Awtorità tal-Artijiet et,** fejn f'kaz li kien jitratta esproprju b'titolu ta' pussess u uzu, li sussegwentement sar b'titolu ta' dominju pubbliku u wara li l-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet iddetermina l-kumpens dovut skont il-ligi, kunsidrat li l-esproprju kien ghadu ma giex kompletat, il-Qorti adoperat id-data korrenti ghall-fini li jigi determinat il-valur. Filwaqt li jigi puntwalizzat li, l-proceduri ordinarji quddiem il-Bord kompetenti f'dak il-kaz kienu gew ezawriti, mhux l-istess jista' jinghad f'dan il-kaz. Permezz tal-proceduri odjerni, mhux qieghed jigi determinat il-kumpens ghat-tehid tal-art, haga li ghad trid tigi determinata mill-Bord kompetenti wara li jindew il-proceduri t'esproprjazzjoni, izda ser jigi determinat biss kumpens ghal-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti riskontrati, meta dawn gew imcahhda mit-tgawdija tal-proprjetà taghhom ghal zmien twil minghajr ebda kumpens.

Hekk ukoll sa fejn fit-tielet talba tar-rikorrenti jintalab provvediment minn din il-Qorti, fis-sens li l-emendi li sehhew tul is-snin fil-Kap. 88 ma jigux applikati fil-konfront tar-rikorrenti, din il-Qorti ma tqisx li hija f'posizzjoni li taghmel dan. Illum il-gurnata hemm il-Kap. 573, li kif spjegat qabel, fil-fehma ta' din il-Qorti joffri rimedju effettiv lir-rikorrenti gialadarba l-intimati jniedu l-proceduri t'esproprjazzjoni. Il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet hu kompetenti li jistabilixxi l-kumpens dovut ghall-art esproprjata skont il-ligi u mid-decizjoni tal-Bord hemm dritt t'appell.

Ghalkemm il-provvedimenti tal-Kap. 573 huma ta' relevanza ghar-rimedju li jistghu jinghataw lir-rikorrenti, izda b'daqshekk ma jinnewtralizzawx il-fatt li nkisru il-jeddijiet tar-rikorrenti u ghalhekk din il-Qorti xorta ser tipprovdi rimedju ghan-nuqqasijiet riskontrati minnha. Ghalkemm ir-rikorrenti qeghdin jitolbu kemm danni materjali, kif ukoll danni morali, din il-Qorti ser tillimita r-rimedju moghti minnha ghad-danni non-pekunarji jew danni morali, sabiex thalli l-kwistjoni tal-kumpens ghall-art li ttiehdet tigi determinata mill-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet, kif ukoll sabiex jinghataw l-imghaxijiet ulterjuri ghad-dewmien (danni pekunarji) skont il-mekkanizmu tal-ligi applikabbli.

**Kumpens ghal-lezjoni – danni non-pekunarji**

Kunsidrat li din il-Qorti rriskontrat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem li jehtieg li jinghata rimedju li jidhrilha gust u xieraq fic-cirkostanzi biex jigi assigurat il-waqfien tal-lezjoni inkluz kumpens monetarju ghal tali ksur; kunsidrat li r-rikorrenti ilhom imcahhda mill-proprjetà taghhom sa minn meta akkwistaw l-art in kwistjoni (mis-sena 1992), cioè ghal tmienja u ghoxrin sena, kif ukoll minghajr access ghal qorti; kunsidrat il-qies tal-art in kwistjoni u l-valur tal-art meta r-rikorrenti akkwistawha, kif ukoll il-fatt li lanqas ghadha nbdiet il-procedura t'esproprjazzjoni skont il-ligi u li r-rikorrenti ghadhom qeghdin jistennew kumpens ghat-tehid tal-proprjetà taghhom u n-nuqqas tal-intimati li jwettqu l-obbligazzjonijiet taghhom fil-waqt; kunsidrat li din il-Qorti rriskontrat kemm ksur fid-dritt ghat-tgawdija tal-proprjetà kif protetti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll id-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, tillikwida *arbitrio boni viri* l-kumpens non-pekunarju dovut lir-rikorrenti fis-somma ta' ghoxrin elf ewro (€20,000).

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza, billi filwaqt li:

(i) tichad l-eccezzjoni preliminari tal-intimata Awtorità ghat-Trasport f'Malta u tal-imsejjah fil-kawza Direttur Generali ghax-Xoghlijiet in kwantu tqis li huma legittimi kontraditturi ghall-pretensjonijiet tar-rikorrenti;

(ii) tichad l-bqija tal-eccezzjonijiet sollevati mill-intimati u mill-imsejjah fil-kawza;

(iii) tilqa' limitatament l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li bl-agir tal-intimati Kummissarju tal-Artijiet, illum Awtorità tal-Artijiet, tal-Awtorità ghat-Trasport f'Malta u d-Direttur Generali tax-Xoghlijiet gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, kif sanciti fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

(iv) tichad it-talbiet tar-rikorrenti in kwantu msejsa fuq l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea;

(v) tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti billi tordna lill-intimati sabiex fi zmien xahar mill-jum li fih din is-sentenza tghaddi in gudikat (a) jinbdew l-proceduri t'esproprjazzjoni fir-rigward ta' dik il-porzjon art, proprjetà tar-rikorrenti li tinsab okkupata bil-*glacis* u bis-sigar imhawwla fl-istess art u servew l-iskop li jorbtu l-istess *glacis* fl-inhawi ta' Wied Blandun, sabiex l-intimati jiehdu l-imsemmija art b'titolu ta' xiri assolut u jghaddu

sabiex ihallsu l-prezz relattiv lir-rikorrenti flimkien mal-interessi dovuti skont il-ligi; u (b) sabiex iniedu l-process ta’ kumpens ghal dik il-porzjon t’art fi Triq Kampanella l-Fgura, tal-kejl ta’ 316.07 metri kwadri. Fin-nuqqas li jsir dan, f’kull kaz, tibda tiddekorri penali kontra l-intimati ta’ mitt ewro (€100) kuljum pagabbli lir-rikorrenti, b’effett mill-jum li jkunu naqsu li jibdew il-process t’esproprjazzjoni, li tibqa’ ghaddejja sakemm jipperdura tali nuqqas;

(vi) tastjeni milli tiddeciedi dwar it-tielet talba tar-rikorrenti, in kwantu fil-mori tal-proceduri dahal fis-sehh l-Att XVII tas-sena 2017 (Kap. 573) u thalli mpregudikati d-drittijiet tar-rikorrenti ghall-kumpens ghall-art okkupata mill-Gvern, inkluz id-dritt li jikkontestaw il-prezz offrut lilhom, bl-imghaxijiet skont il-ligi;

(vii) tilqa’ limitatament ir-raba’ talba tar-rikorrenti u tillikwida l-kumpens non-pekunarju dovut lir-rikorrenti fl-ammont ta’ ghoxrin elf ewro (€20,000) ghall-ksur riskontrat, pagabbli lir-rikorrenti skont il-kwoti rispettivi taghhom.

L-ispejjez jithallsu in kwantu ghal kwart mir-rikorrenti *in solidum* bejniethom u tliet kwarti mill-intimati u l-imsejjah fil-kawza flimkien bejniethom.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur